# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 671/2015 MH**

**Numru: 5**

**AVUKAT DR. MICHAEL ZAMMIT MAEMPEL BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAL-ASSENTI MINN MALTA STEPHANE U DOROTHEE KONJUĠI MICHEL, U ULIEDHOM GUILLAUME MICHEL U CHARLOTTE DE KERVILER IMWIELDA MICHEL**

**-VS-**

1. **ANTOINE U MARLENE KONJUĠI ATTARD**
2. **JAMES MIFSUD U GORDON FARRUGIA F'ISIMHOM PROPRJU U F'ISEM IS-SOĊJETÀ BUZ-DOV DEVELOPMENTS LIMITED (C-25647)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess is-segwenti:

1) *ILLI l-esponenti ġie nominat bħala mandatarju speċjali ta' Stephane Michel, Dorothee Michel, Guillaume Michel u Charlotte de Kerviler imwielda Michel permezz ta' prokura speċjali datata 3 ta' Lulju, 2012 – kopja annessa u mmarkata bħala Dok. MZM.1*

2) *ILLI Stephane u Dorothee Michel huma missier u omm, Quentin Antoine Marie Michel, filwaqt illi Guillaume Michel u Charlotte de Kerviler imwielda Michel huma ħutu; u huma kollha l-eredi tal-mejjet Quentin Antoine Marie Michel [illi kellu n-numru tal-Passaport Franċiż 08AK66169] – u dana skond ma jirriżulta miċ-Ċertifikat anness u mmarkat Dok. MZM.2*

3) *ILLI fl-1 ta' Awwissu, 2011 l-imsemmi Quentin Michel kien għadu kemm wasal Malta għal btala flimkien ma' grupp ta' ħbieb minn tiegħu. Quentin u ħbiebu kienu ddeċidew li jsiefru flimkien għall-aħħar darba qabel ma individwalment kienu ser jibdew l-istudji tagħhom fl-universitajiet varji f'diversi partijiet ta' Franza. Huma kienu krew mingħand l-intimati Attard ir-residenza Coral Gables B, fi Triq Josef Kalleya, s-Swieqi, liema residenza kienet 'holiday villa' illi kienet mgħammra bi swimming pool fuq in-naħa ta' wara tagħha;*

4) *ILLI sewwasew wara illi kien wasal fil-post imsemmi u kien għadu kif biddel u libes il-malja ta' għawn, Quentin niżel ħdejn ħbiebu sabiex jinżel jgħum fl-iswimming pool in kwistjoni. Huwa u jgħaddi minn maġenb ħajt illi kien hemm mibni biswit l-iswimming pool, dan il-ħajt ċeda, u waqa' għal fuqu, u Quentin tilef ħajtu fuq il-post f'dak il-mument kawża ta' "chest trauma" minħabba l-ġebel illi waqa' għal fuqu – u dana bħalma ġie stabbilit mill-Inkjesta Maġisterjali konkluża wara dan l-inċident (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. MZM.3);*

5) *ILLI r-residenza in kwistjoni, inkluż dan il-ħajt illi ċeda kien ġie kostruwit mill-intimati l-oħra Mifsud u Farrugia nomine, u s-soċjetà tal-kostruzzjoni mmexxija minnhom Buz-Dov Developments Limited, illi kienet ġiet ingaġġata sabiex twettaq dawn ix-xogħolijiet mill-intimati Attard;*

6) *ILLI dan il-ħajt ma kienx mibni skond is-sengħa u l-arti, stante illi hekk kif ikkonkluda l-Perit Richard Aquilina fl-atti ta' l-Inkjesta, dan ma "kellu l-ebda inkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta' wara" u għalhekk "ma kellu xejn xi jżommu milli jinqaleb, kif fil-fatt ġara", u kawża ta' hekk ċeda għal fuq Quentin Michel u kkawża l-mewt tiegħu;*

7) *ILLI għal dan il-ħajt, iż-żamma, l-kundizzjoni u l-kostruzzjoni tiegħu huma risponsabbli l-intimati, jew min minnhom;*

8) *ILLI interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti nomine in segwitu ta' dan l-inċident, permezz ta' żewġ ittri uffiċċjali datati 9 ta' Lulju, 2013 u 28 ta' Mejju, 2015 l-intimati baqgħu inadempjenti, u għalhekk ġew istitwiti dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrent nomine jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikkjara illi l-intimati, jew min minnhom, jaħtu unikament, jew solidalment bejniethom, għall-mewt ta' Quentin Antoine Marie Michel [Nru. tal-Passaport Franċiż 08AK66169], illi miet fl-1 ta' Awwissu, 2011 f'Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, s-Swieqi;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominati taħt l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
3. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lir-rikorrent kwalunkwe somma ta' danni hekk illikwidata;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċċjali tad-9 ta' Lulju, 2013 u tat-28 ta' Mejju, 2015, u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf kontra l-intimati Mifsud, Farrugia, u kontra Buz-Dov Developments Limited; u l-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf kontra l-intimati konjuġi Attard; u bl-imgħaxijiet skond il-liġi kontra l-intimati kollha illi huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' James Mifsud u Gordon Farrugia f'isimhom proprju u f'isem is-soċjeta` Buz-Dov Developments Limited (C25647) fejn eċċepew hekk:

*"1. Illi fl-ewwel lok, l-irritwalità tal-azzjoni attriċi ai termini tal-artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 stante illi l-atturi bħala ċittadini franċiżi, u għaldaqstant*

*ta' pajjiż fl-Unjoni Ewropea, ma jistgħux jitqiesu illi huma assenti minn dawn il-gzejjer u ma setgħux jappuntaw prokuratur sabiex jippreżenta l-att promotur minflokhom;*

*2. Illi fit-tieni lok, u anke in vista tas-suespost, l-attur nomine m'huwiex f'posizzjoni illi jaħlef ir-rikors ġuramentat huwa personalment u għaldaqstant, l-istess rikors ġuramentat ma jissodisfax il-vot tal-liġi ai termini ta' l-artikolu 156(3) tal-Kap. 12;*

*3. Illi fit-tielet lok, u bla preġudizzju tas-suespost, l-attur nomine għandu jipprova illi huwa għandu interess ġuridiku fl-esitu ta' dina l-vertenza u illi tali interess ġuridiku llum ma jivvestiex f'terzi;.*

*4. Illi fir-raba lok, u bla preġudizzju tas-suespost, l-atturi għandhom jippruvaw illi huma verament l-uniċi eredi tal-mejjet għaliex id-dokument MZM2 esibit mar-rikors promotur ma jindikax u ma jeskludiex illi l-mejjet għamel testmenti illi permezz tagħhom nnomina eredi diversi mill-atturi;*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponenti personalment m'għandhom x'jirrispondu xejn għat-talbiet attriċi stante illi huma fil-vesti personali tagħhom ma wetqu l-ebda xogħol fir-residenza fejn seħħ l-inċident sfortunat u traġiku illi ta lok għal din il-kawża;*

*6. Illi bla preġudizzju għas-suespost, irid jiġi ppruvat illi l-ħajt in kwistjoni illi waqa' fuq id-de cuius kien fil-fatt mibni mis-soċjetà konvenuta;*

*7. Illi fi kwalunkwe każ, u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, l-istess ħajt inbena għal skopijiet purament dekorattivi u dana f'dar illi kienet intiża għal użu esklussivament residenzjali u l-esponenti noe ma ngħataw l-ebda struzzjoni, la mill-kommittenti u l-anqas mill-perit tagħhom, sabiex jieħdu xi prekawzjoni partikolari fil-bini tiegħu u għaldaqstant, m'għandhom ibatu l-ebda responsabilità fir-rigward tal-fatt illi dan waqa' fl-inċident de quo stante illi huma dejjem eżerċitaw id-diliġenza ta' bonus pater familias fl-esekuzzjoni tal-appalt in kwistjoni ;*

*5. Illi inoltre, u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, kuntrarjament għal dak illi ta x'jifhem l-attur noe fir-raba (4) paragrafu tar-rikors ġuramentat tiegħu, il-ħajt in kwistjoni ma' ċediex u ma waqax fuq id-de cuius spontaneament imma waqa' biss bħala riżultat ta' pressjoni illi saret fuqu mill-istess de cuius meta dan minn jeddu qabad u xxabbat mal-istess ħajt. Illi ħadd qatt ma' ġarrab l-ebda konsegwenza mill-mod kif ġie mibni dan il-ħajt qabel ma' d-de cuius sfortunament ipprova jixxabbat miegħu. Għaldaqstant, id-de cuius sfortunatament ikkontribwixxa hu stess bl-aġir m'hux meqjus tiegħu għall-inċident traġiku illi tiegħu safa vittma u ħadd mill-esponenti m'għandu jġorr responsabilità fir-rigward..*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimata Marlene Attard fejn eċċepiet illi:

*"1. Illi l-azzjoni attrici, in kwantu diretta kontra l-eccipjenti Marlene Attard, ma timmerita ebda akkoljiment in kwantu l-istess eccipjenti ma tahtix ghall-incident mertu tal-kawza, u ghall-allegati danni konsegwenzjali.*

*2. Illi l-incident lamentat mill-attur nomine ma sehhx b'tort u bi htija tal-eccipjenti. Dak premess fir-raba' premessa tar-rikors mahluf u cioe' li "Huwa[1] u jghaddi minn magenb hajt illi kien hemm mibni biswit l-iswimming pool, dan il-hajt ceda, u waqa' ghal fuqu, u Quentin tilef hajtu fuq il-post...." jammonta ghal deskrizzjoni palezement skorretta u inveritiera tad-dinamika shiha ta' kif sehh l-incident. Il-fatt li l-atturi qed jonqsu milli jghidu s-sewwa dwar kif sehh l-incident jikkonferma illi huma jafu ben tajjeb li d-dinamika korretta ta' kif sehh I-incident timputa r-responsabilita' ghall-akkadut (b'kull dovut rispett lejn il-memorja tad- defunt) fuq l-istess defunt, jew fuq id-defunt u l-konvenuti l-ohra[2] flimkien, jew fuq il- konvenuti l-oħra[3], jew min minnhom.*

[1] (id-defunt Quentin Antoine Marie Michel)
[2] Il-konvenuti indikati fil-para. 2 fl-okkju.
[3] Il-konvenuti indikati fil-para. 2 fl-okkju

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma twegibx hi ghall-lanjanzi tal-attur nomine, kif konfermat bil-presenza tal-konvenuti l-ohra fil-kawza*[4]*, u anke' kif jemergi mill-premessi kontenuti fir-rikors mahluf (ara partikolarment is-sitt premessa, u l-hames).*

*4. Illi precedentement ghall-incident, l-eccipjenti u l-konvenut zewgha kienu nkarigaw lill-konvenuti l-ohra (jew minn minnhom), li huma nies tas-sengha u ghandhom socjeta' li tahdem fl-industrija tal-kostruzzjoni, sabiex jibnu l-fond taghhom fis-Swieqi, inkluz ic-cint imsemmi fir-rikors mahluf. L-eccipjenti ma tifhimx fis-sengha tal-bini u ghalhekk gie nkarigat, u mhallas, min hu tas-sengha u l-arti f'din il-linja u cioe' l-konvenuti l-ohra (jew minn minnhom)*[5]*. L-eccipjenti u zewgha qatt ma kienu konxji dwar, jew setghu jaraw, xi allegat difett fil-mod kif kien gie mibni dan ic-cint (li kien iservi ghal ragunijiet estetici) mill-konvenuti l-ohra.*

*5. Illi l-eccipjenti m'ghamlet xejn li seta' kkaguna jew ikkontribwixxa ghall-incident mertu tal-kawza, u lanqas naqset mit-twettieq ta' xi obbligu taghha illi kieku twettaq, kien jipprevjeni I-incident.*

*6. Illi f'kull kaz, u bla ebda hsara ghall-premess, l-attur nomine irid iressaq prova tal-allegati danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' dan l-incident.*

*7. Illi in kwantu l-atturi qed jitolbu li l-eccipjenti tigi kundannata thallas l-ispejjez gudizzjarji konnessi mal-intavolar da parti tal-atturi ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-eccipjenti u zewgha, din it-talba ghandha wkoll tigi michuda billi dak il-Mandat ta' Inibizzjoni gie dekretat finalment kontra l-atturi bic-cahda tal-istess mandat, u bl-ispejjez kontra taghhom. L-ispejjez relattivi diga thallsu mill-atturi.*

*llli ghaldaqstant l-azzjoni attrici, in kwantu diretta kontra l-eccipjenti, ghandha tigi michuda,bl-ispejjez kontra l-attur nomine.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."*

[4] Il-konvenuti ndikati fil-para. 2 fl-okkju.

[5] Il-konvenuti ndikati fil-para.2 gfl-okkju.

Rat li Antoine Attard inadempjenti fil-presentata tar-risposta ġuramentata ġie dikjarat fi stat ta' kontumaċja.[6]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Qabel ma l-Qorti tibda titratta l-mertu tal-kawża jkun opprtun li fl-ewwel lok jiġu determinati l-ewwel erba' eċċezzjonijiet imressqa minn James Mifsud, Gordon Farrugia wkoll is-soċjeta konvenuta Buz-Dov Developements Ltd.[7]

Tqies li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet frankament m'għandhomx mis-sewwa.

L-attur nomine ġie mogħti debita prokura speċjali esebita fl-atti bħala Dok. MZM1[8] biex joqgħod għal ġudizzju skont l-artikolu 1856 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dan l-imsemmi artikolu u dak li jseġwih huma ċari fis-sinifikat tagħhom fis-sens li kull poter li l-liġi tagħti lill-attur milqut dirett b'lanjanza hawn

[6] Folio 47
[7] Folio 39
[8] Folio 8

ta' indolu legali, li għandu allura l-interess ġuridiku li jixpruna azzjoni, jista' b'tali prokura jvesti dan fil-prokuratur tiegħu, sakemm il-mandant innifsu jkun nieqes minn dawn il-ġżejjer. Fatt dan li ma ġiex ikkontestat mill-konvenuti.

Qari ta' dawn l-artikoli juru biċ-ċar li l-konvenuti huma żbaljati fit-teżi minnhom proposta.

*"1865. (1) Għall-esekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jaġixxi ġudizzjarjament; jagħmel u jissokta appelli; jagħmel provabis-subizzjoni tal-parti kuntrarja; jieħu l-ġurament in litem jew il-ġurament suppletorju; jesegwixxi sentenzi sew fuq ħwejjeġ mobblikemm immobbli; jitlob il-ħruġ ta' atti kawtelatorji, fosthom dawk ligħalihom hu meħtieġ li jsiru rikorsi jew dikjarazzjonijiet bil-ġurament; jitlob, meta hemm jedd, l-arrest tal-persuna tad-debiturtal-mandant; u jagħmel kull ħaġa oħra li l-mandant jista' jagħmel huwa nnifsu, għalkemm dawn is-setgħat ma jkunux espressi fil-mandat.(2) Il-mandatarju jista' wkoll, bis-setgħa hawn fuq imsemmija,ikun konvenut fl-isem tal-mandant, f'kawżi li għandhom x'jaqsmumal-affari li tidħol fil-mandat.*

*1866. Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira lifiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandantirrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jewjenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat."*

Isegwi għalhekk illi l-mandatarju jrid joqgħod mar-ritwali tal-artikolu 156 *et. seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta la hu jaġixxi f'isem il-mandant tiegħu.

It-termini tal-mandat mogħti lill-attur nomine kienu ċari u intiżi bla dubbju *inter alia* biex fl-assenza tal-ġenituri u ħut minuri tad-deċedut, hu jressaq u jmexxi l-kawża odjerna. Dan għaliex kontrarjment għal dak li jargumentaw il-konvenuti, huma bħala ċittadini franċiżi, allura wkoll membri ta' l-Unjoni Ewropeja, mhux eżenti mill-presenza tagħhom biex jivventilaw azzjoni b'rikors **ġuramentat**. Il-

liġi trid il-presenza fiżika tal-attur ġialadarba fil-proċedura formali tar-rikors ġuramentat tesiġi l-ġurament u dan a prexxindere jekk l-attur hux membru tal-Unjoni jew le. Fin-nuqqas tiegħu jmexxi l-mandant tiegħu debitament awtoriżżat.

**Konsegwentement tqies li l-ewwel żewġ eċċezzjoniet m'għandhomx mis-sewwa.**

Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti msemmija jikkontestaw l-interess ġuridiku tal-attur nomine.

Frankament isib li anke din l-eċċezzjoni ftit tagħmel sens. L-interess ġuridiku tal-mandant huwa dak li hu trasmess lilu mill-mandatarju tiegħu, *sic et simplicitur,* isegwi allura li jekk il-mandatarju li għandu dawk l-elementi li trid il-liġi biex jiġi radikat l-interess ġuridiku, bi prokura apposita jkun qed jgħaddi dan lil-mandant tiegħu, li ma jagħmel xejn ħlief jassumi l-istess interessi ta' min hekk qalgħu fl-assenza tal-istess u għandu joqgħod *ad unguem* mad-direzzjonijiet stretti ta' min ikun hekk inkarigah.

Il-ġurisprudenza tgħallem hekk dwar dan l-interess meħtieg biex wieħed jista' jipproponi azzjoni ġudizzjarja:-

*"Illi fis-sentenza "Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et" (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun*

*hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

*"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet "Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et" li:-*

*"Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e inammissibile'.*

*Illi hekk ukoll fis-sentenza "Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et" (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir."*[9]

Mitqal dan, iżid li din it-tielet eċċezzjoni għandha tiġi eżaminata wkoll in konġunt mar-raba' eċċezzjoni mressqa u ċioe' illi l-atturi, mhux nomine, iridu jippruvaw li huma l-vera eredi tad-deċedut u dan in vista li d-Dokument MZM2 ma jeskludiex li l-mejjet għamel testmenti oħra u nnomina eredi oħra u diversi mill-atturi.

Tqis li d-dokument MZM2[10] li ġie ppreżentat mar-rikors ġuramentat u li *a* p*rexxindere* minn kull kritika ta' dokument redatt bil-lingwa franċiża[11], li tiegħu **ħadd ma talab traduzzjoni,** li l-Qorti tifhem u tagħraf sew, hu ċertifikat maħruġ mir-reġun ta' Suresnes ġewwa Franza li jiddikjara li l-ġenituri tad-deċedut u ż-żewġ ħutu Guillaume u Charlotte bħala werrieta tad-deċedut għas-somma hemm

[99] **Saviour Scerri et. vs Salvu Emmanuele Farrugia** et. deċiża mill-Prim'Awla 1 ta' ottubru, 2002 975/95/RCP
[10] Folio 14
[11] Nota tas-sottomssjonijiet Mifsud Farrugia Buz-Dov ltd

dikjarata ta' €5300. Ukoll li huma dawn biss bħala eredi tad-deċedut li għandhom d-dritt għal din is-suċċessjoni.

Aktar tard fix-xhieda tiegħu **in kontro-eżami** missier il-ġuvnott sfortunat, **Stephane Michel**[12] jixhed hekk dwar l-eredita' ta' ibnu. Meta ssirlu referenza għad-dokument MZM2 jispjega li dan kien dokument li kien jistipula min bħala eredi kellu dritt għas-somma ta' flejjes appartenenti lid-deċedut li kienet tinstab ġo kont bankarju. Spjega li ibnu kienġguvni u igħix magħhom, ukoll li l-fatt li sar dan ir-rilaxx kien anteċedenti għar-riċerki li jistabilixxu li kienu saru d-debita verifiki tramite nutar biex b'hekk jistabilixxi l-vera werrieta tad-deċedut. Għalhekk per konsegwenza sar ir-rilaxx ta' dawn il-flejjes a favur l-eredi ta' ibnu, il-ġenituri u uliedhom ħut il-mejjet.

Stabbilit dan u marbuta ma' dak li kien qed jingħad fil-konfront tal-interess ġuridiku, l-Qorti ssib li bla dubbju ta' xejn, dan l-interess ta' tfittxija ta' responsabilta' u konsegwenti danni jista' jvesti biss fis-suċċessuri tad-deċedut. Kif dikjarat mill-missier il-mejjet kien għadu guvni li kien igħix id-dar u anke dipendenti *qua* student fuq il-ġenituri tiegħu, tant li l-missier jixhed li kien anke jħallas t-taxxa dovuta fuq uliedu. Tqis għalhekk li per via ta' din ir-relazzjoni huma l-familjari diretti tad-deċedut li jgawdu u għandhom vestiti fihom dawk l-elementi neċessarji biex jiġi stabbilit u radikat l-interess ġuridiku neċessarju biex jvantaw l-azzjoni mressqa. Fuq l-iskorta tal-prokura, dan għall-iskop ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-azzjoni ġudizzjarja, dan ġie trasmess lill-mandatarju.

[12] Folio 264

**Isib għalhekk li anke' t-tielet u r-raba' eċċezzjoni m'għandhomx mis-sewwa.**

## Mertu

## Dinamika tal-inċident

Il-Qorti se tibda ovvjament biex tagħmel referenza għal dak li xehdu x-xhieda okulari għall-inċident kemm *a tempo vergine* fl-inkjesta wkoll quddiem din il-Qorti.

Mir-relazzjoni tal-Perit Vincent Ciliberti li maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti xehdu ħbieb id-deċedut li kienu preżenti fil-lok tal-inċident. Dok VEC1[13]. Reġgħu ovvjament xehdu quddiem din il-Qorti.

**Valentine Raphael Pons[14]** jixhed li Quentin kien l-aħħar mill-ħbieb li wasal il-villa fejn kienu kollha miġbura wara li spiċċaw jieklu[15]. Xehed li dan wara li wasal mar f'kamartu jispakkja, ġie lura u ddeċieda li jinżel igħum fil-pool. Hu u nieżel it-tarag ipprova skontu '*simulation of scaling the wall'*, imma għax ir-ritratt li *kien* se jittieħidlu ġie mċajpar reġa pprova t-tieni darba *another simulation*, igħid li '*.. at this moment that the wall gave away with the bricks falling on Quentin.'*[16]

[13] Folio 287
[14] Folio 323
[15] Dawn kienu grupp ta' ħbieb żagħżagh li ġew Malta għal btala wara l-eżamijiet.
[16] Folio ibid.

**Nicholas Stephane Jane Drizard** [17] jixhed li kienu erbatax-il ħbieb li ddeċidew li jiġu għal gimgħa btala Malta. Quentin Michel wasal waħdu. Igħid li wara li spakkja Quentin iddeċieda li jinżel igħum, biddel fil-malja. Kien hawn li hu waqt li kien nieżel it-tarag Quentin ipprova:

*'..simulating, as if he was about to scale the wall, while I was attempting to take some photos'*

*Quentin tried another time, with his right foot resting on the stairs, and his left foot raised slightly above the stairs against the wall.'*

*At that point I could see that the wall was swinging, and all of a sudden it gave way with a number of bricks falling on Quentin.'*[18]

In kontro-eżami wieġeb[19], u l-Qorti se tiċċita fit-tul is-segwenti u spiega:

*'So I think at that time he (jirreferi għal Quentin) was close to the stairs. He was about to go to the swimmming pool and so that is why he ended up like having his pose with the wall that was between the outside table and the swimming pool.*

...

*'So, he was something near the wall because he was going to the swimming pool and so the pose he wanted to have was like basically, pretending to climb over the wall. So, that's why he started just like hanging on the wall with his two hands above the wall but still with one foot on the stairs. He didn't jump on the wall or anything. It was just like slowly hanging on the wall and the goal of the picture who wants to see him pretending he was climbing the wall.'*

...

*'so the left foot wasn't on the stairs and for the right one, I don't know if his left foot left the stairs ...and the wall came crushing down.'*

[17] Folio 324
[18] Folio 325
[19] Folio 451 et. seq.

Jagħmel referenza għad-dokument MC5[20] u jikkonferma li kien ir-ritratt li ġibed preċisament fil-ħin li l-ħajt beda jitgħawweġ, *bend.*

Jiddeskrivi li waqa' nofs jew terz il-ħajt.

Mistoqsi kemm kien ilu jaf lil Quentin qabel l-inċident wieġeb illi kienu ilhom ħbieb mill-*high school.* Li kien qed jikkonsidra jkompli l-istudju tiegħu *f'business studies* u li kien passjonat fuq hekk.

Mistoqsi x'kien xogħol tiegħu llum, ix-xhud wieġeb li presentement kien jaħdem ġewwa l-Istati Uniti bħala xjentist u kellu salarju annwali ta' mitt elf u disgħin dollaru Amerikani.

Mistoqsi jekk Quentin iddeċidix *to scale the wall*, iwieġeb hekk;-

*'No he wasn't trying to climb the wall I don't think it's right so I don't think it's the right word to use. Like, there was this discussion of climbing the wall. The discussion was just to have a photo of him hanging on.the wall and pretending that he was about to climb the wall we never agreed on ... we never said to each other let's have you climb the wall and then I take a picture of you climbing the wall. The idea was to have a picture of him pretending as if he was about to climb the wall .....if the wall had not collapsed and then right after the picture, he would got out of the wall and that's it. Like, that was the only photo he wanted to take and we didn't want him, niether me or him wanted to climb the wall.'*

Mistoqsi dwar il-fatt li saqajn Quentin fuq ir-ritratt kienet tidher *off the ground,* wieġeb:

[20] Folio 216

*'Yes because he was hanging but it doesn't mean that he was climbing the wall. Like, he wasn't making any force or pull himself above the wall.'*

*'I think it is pretty obvious if you look at the picture that the wall is bending and once again, ..I saw the accident happen in my view finder of my camera which means that the accident happens right at the time I was taking the photo. If you look at the photo, you see the wall is bent. The wall is already bent. It's not straight wall because the wall is collapsing like at that time, with the picture the wall is collapsing. I mean, we can see that this is not straight. So, Obviously it was the second and final attempt because ..the accident happens at the time I am taking the picture.'*

**Vincent Victor Guezenc**[21] jiddeskrivi li wara li Quentin ingħaqad mal-grupp u spakkja, mar mal-kumplament mal-mejda tal-ikel fejn kiel. Imbagħad tela' biex ibiddel biex jinżel igħum.

*'On descending the stairs, Quentin faced a wall alongside the stairs, raising his hands on top of the wall.*

*He did it a second time, with his right foot on the stairs and his left foot attempting to reach the edge of the pump room*

*At that point in time, the wall was swinging, with Quentin trying hard to stabilize the wall, but all of a sudden the wall gave way with the bricks falling on Quentin'*

**Come Chafour** xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta.[22] Igħid li Quentin wasal l-aħħar meta l-grupp kollu tal-ħbieb kien ġia qiegħed ġol-villa mikrija, il-fond *de quo*. Jispjega li mal-ikel ħadu ftit birer u li l-atmosfera kienet waħda *relaxed*. Quentin wasal xil-għaxra ta' bil-lejl. Igħid li hu kien ġewwa mal-komputer meta sema' ħoss kbir u nduna li kien waqa' ħajt. Ma kienx preżenti waqt l-inċident.

[21] Folio 327
[22] Folio 185

Mistoqsi dwar is-salarju tiegħu fl-impieg tieghu ta' Portfolio Manager wieġeb dak ta' €42,000, annwali.

**Marin de Couedic** ukoll wieħed mill-ħbieb li kien ġol-fond jixhed[23] li Quentin kien kuġinuh. Jispjega li meta wasal Quentin u poġġa kollox fid-dar u mar ukoll barra mal-mejda. Spjega li kienu qed jieħdu r-ritratti kemm hu wkoll Nicole, jiddeskrivi bħala *'funny photos'*. Jixhed li Quentin ried jagħmel xi ħaga differenti. *'He went to the wall, jumped up to get hold of the top of the wall.'*

Jispjega li kien Nicola li kien qed jieħu dawn ir-ritratti. Ikompli li Quentin ma kienx qed juża forza. *'No force at all. His arms outstretched'*[24]

Ikompli:

'*We were looking at that direction of Nicola and we saw the wall that was actually like bending and we shouted careful, look out but everything happened so quickly'*[25]

Jixhed li Quentin kien student *average.* Li kien jaħdem biex iħallas il-*holidays.*

Igħid:

'*My version was what I saw which is Quentin was on the stairs and he was trying to get hold of the wall. There was no time as far as I am concerned in which Quentin was actually trying to scale the wall.'*[26]

[23] Folio 194
[24] Folio 199
[25] Ibid.
[26] Folio 204

Innega li hu qatt xi ħin qal li Quentin kien qed jipprova *scaling* il-ħajt.

Jiddeskrivi l-ħajt bħala wieħed li kien żewġ metri għoli u li Quentin kien tul ta' metru u tmenin ċentimetru.

Muri d-dokument MC5 iddeskriva li sieq Quentin ma kenetx qed tmiss mal-art.

Jikkonferma wkoll minħabba x-xorb li jidher fit-ritratti esebiti [27] kienu xorbu ftit u niżlu jgħumu. Pero ma kellux idea jekk meta kiel Quetin kienx xorob ukoll.

**Vincent Guezenec**[28] xehed li bejn wieħed u ieħor Quentin wasal mal ħin tal-ikel. Mistoqsi fuq ir-ritratt li jidher Quentin mal-ħajt jispjega hekk: *'Its just a photo. Quentin was trying to hang on the wall, touching the wall'*[29]. Imbagħad pero' jispjega li hu fil-fatt ma kienx qed jagħti daqstant każ ta' dak li kien qed jiġri. Ħares biss lejn il-ħajt meta sema' n-nies igħajjtu *'be careful'*[30]. Iżid li kif appena sema' dan id-diskors li hu nduna li l-ħajt kien qed jiċċaqlaq.

Pero' ma kienx ċert kemm il-attentat għamel Quentin biex jittieħed dan ir-ritratt.

Igħid li ma jistax jiftakar li hu kien qabel ta versjoni li Quentin kien għamel żewġ attentati biex jitla' mal-ħajt.

[27] Dok MC1-MC4 folio 213-215
[28] Folio 217
[29] Folio 219
[30] Ibid.

Jikkonferma li Quentin kellu idejh it-tnejn fuq il-quċċata tal-ħajt.

Mistoqsi kemm xorbu, igħid li xorbu birra qabel u wara l-ikel.

**Valentin Pons**[31] jikkonferma li xorbu xi tnejn jew tlett birer. Ukoll jikkonferma li Nicole kien qed jipprova jieħu ritratt, jinnega li Quentin kien qed juża xi forza fil-konfront tal-ħajt. Jikkonferma li kien hemm żewġ attentati biex jitteħed ir-ritratt. Jikkonferma li waqt l-inċident Quentin kien fuq it-taraġ.

Mistoqsi għala uża l-kelma simulation meta ta l-verżjoni tal-inċident lill-esperti fl-inkjesta wieġeb li b'hekk ried ifisser li Quentin *'...was just putting his hands on the wall'*[32]

Mistoqsi jekk jifhimx il-kelma simulation bl-ingliż wieġeb fin-negattiv.[33]

Jirrispondi wkoll li Quentin ipprova għat-tieni darba *to scale the wall* minħabba r-ritratt. Wieġeb muri r-ritratt ta' Quentin mal-ħajt li hu ma setax jara fejn kienu saqajh, imma qabel li idejh u minkbejh kienu mal-ħajt.

Mistoqsi kif seta' igħid li Quentin ma kienx qed juża forza wieġeb li igħid hekk għaliex hu kien fuq it-taraġ, ma kellux bżonn forza. Ukoll li *'As far as I am concerned no he did not try to pull himself'*[34].

[31] Folio 227
[32] Folio 230
[33] Hawn it-tradutriċi ppuntwalizżat id-differenza ta' l-użu tal-kelma fil-lingwa ngliża għal dik Franċiża.
[34] Folio 232

Ikompli: *'His feet were still on the stairs and he was just putting his hands on the walls'.*[35]

Jinsisti: '*He didn't actually climb the wall, he put his hands on the wall'.*

Igħid ukoll li l-ħajt kien itwal minn Quentin imma siccome' hu kien fuq it-taraġ hu ġie iġib il-ħajt.

Igħid ukoll li huma ma qagħdux jagħtu każ jekk il-ħajt kienx strutturalment sod.

Jikkonferma pero' li d-dar kienet f'kundizzjoni tajba.

Baqa' insistenti li nonostante dak li xehed ħaddieħor li Quentin qatt ma pprova jitla' mal-ħajt imma poġġa biss idejh mal-ħajt.

**Adrien Gerard**[36] jixhed mistoqsi min kien il-bniedem li kien jidher fir-ritratt ta' Quentin mal-ħajt, id-dell, wieġeb li kien hu. Igħid li hu ra l-ħajt nieżel u *qam '...to try and push it back.'*[37] Tant li jinsisti' '*I just saw it when it started to crush down..'*[38]

[35] Ibid.
[36] Folio 241
[37] Folio 243
[38] Folio 245

Igħid li x'ħin il-ħajt beda nieżel u sema' lil Nicole iwerżaq, allura mill-gemb seta' jara x'inhu jiġri.

**Alexandre Chaboureau**[39] jixhed ukoll li waqt it-teħid tar-ritratt Quentin kien fuq it-taraġ u li muri Dok MC5 jiddeskrivi li Quentin kellu idejh fuq il-ħajt. Igħid *'Nicola told him to hold the top of the wall I'm going to take a photo, in five seconds the wall started to move, it crushed on that...'*[40]

Igħid li akkademikament Quentin kien jaf fejn kien sejjer, mistoqsi biex jiddiskrevih igħid li kien bniedem, *outgoing, busy looking person, a person who looks forward.*[41]

Mistoqsi jekk jeskludix li Quentin kien hemm jagħmel forza mal-ħajt iwieġeb fin-negattiv, ċioe' li le.

Xehdu anke l-ġirien.

**Sarah Fleri,** ġirien tal-fond *de quo,* tixhed[42] li tiftakar grupp ta' nies jitkellmu u jgħumu bħala ħsejjes. Tiddeskrivi bħala *'vuċijiet ta' nies jiċċajtaw'*[43].

Spjegat li hi xogħolha infermiera. Tgħid li kien fil-għaxija, semgħet ħoss, l-art titriegħed u ħarget tara x'ġara. Daħlet għand ta' ma' gemba, allura fil-fond *de*

[39] Folio 253
[40] Folio 256
[41] Folio 261
[42] Folio 341
[43] Folio 342

*quo,* hemm rat ħafna nies, qabżet is-swimming pool u sabet guvni mixħut mal-art b'ġebel fil-viċinanzi tiegħu.

Iddeskrivit l-istat li sabitu fih. Ukoll l-għajnuna *first aid* li tagħtu. Hi kienet infermiera.

**Marcette Fabri**[44]**,** ġirien oħra wkoll titkellem fix-xhieda tagħha li semgħet ħoss kbir u għajjat ta' nies igħidu *help help me*. Għalkemm hi ma daħlitx fil-fond *de quo* tiddeskrivi li rat ħafna knaten.

Tikkonferma wkoll li dan il-fond kien jinkera ta' spiss fis-sajf li sa fejn kienet taf qatt ma nqala' inċidenti fih.

**Responsabilta' tal-inċident**

Kif jidher ċar mil-linja ta' domandi li ttieħdet, l-intimati qegħdin jatribwixxu r-reponsabilta' tal-akkadut fuq il-vittma nnifsu in kwantu mressqa t-teżi li dan fil-fatt għax kien qed jiddendel ma' ħajt ġibed l-istess għal fuqu. Alternattivament, jekk mhux waħda totali, jressqu bħala difiża negliġenza kontributorja.

**Il-perit Richard Aquilina**[45] maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali rrelata hekk dwar l-inċident *de quo*;-

[44] Folio 349
[45] Folio 80

*'Fuq il-post kienu nstabu sbatax (17) il-brick sħaħ u xi bċejjeċ ta' bricks. Il-parti fejn kien imtella' dan il-bricks kien ta' 1.78m (ċirka 5'10") u għalhekk jidher li l-ħajt tal-bricks li nqaleb kien ta' ċirka ħames filati.*

*L-għoli tal-wiċċ tal-blat kien ivarja bejn metru u nofs (5'0") u 1.16m (3'10").*

*Minn dak li ġie kkonstatat, deher li l-ħajt tal-bricks li kien inqaleb'*

Iżid

***'Ma kellu ebda inkulmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta' wara.' (enfasi tal-Qorti.)'***

**Perit Edwin Mintoff**[46] kien il-perit li ġie nkarigat mill-konjuġi Attard biex jieħu ħsieb jirrediegi pjanti għal bini tal-plot ukoll il-fond *de quo*. Detto ċioe' igħid pero' li dan il-proġett kien imħolli f'idejn il-Perit Aaron Farrugia u William Lewis.

Muri l-pjanti annessi mal-permess, senjatament dak a folio 399, u muri r-ritratti ġia riferuti, jixhed li l-ħajt in kwistjoni ma kien jidher imkien mill-pjanti sottomessi mal-Awtorita' ukoll li l-ħajt ġie mibni separatament. Iżid ukoll li l-ħajt muri, dak li waqa', huwa barra mill-ħajt kontinwu. Iżid li dan il-ħajt kien wieħed li mibni u jisporġi 'l ġewwa mill-boundary wall.[47] Żid li minn dak li seta' jara dan ma kienx ħajt ta' appoġġ, ikkalkula li kien għoli xi ħames piedi u ħames pulżieri wkoll.

Mistoqsi kif allura nħareg il-*compliance certificate* nonostante li ma kienx hemm qbil komplet mad-disinji li fuqhom inħareg il-permess relattiv, wieġeb li minħabba li ma kienx hemm elementi li ma kienux strutturali u kellhom bżonn il-permess, il-*compliance* seta' jinħareġ xorta.

[46] Folio 358
[47] Folio 373

**<u>Il-Perit Aaron Bugeja</u>**[48] jixhed meta muri l-pjanti riferuti mqabbla mar-ritratti tal-ħajt li ġġarraf, jekk kienx hemm fil-fatt qbil mal-pjanti li ġew approvati mill-MEPA illi:- '*Le ma jaqbilx'* ....ukoll...'*Suppost mhux qiegħed hemm dak il-ħajt skond il-pjanti.'*

Ma kienx f'posizzjoni jgħid meta inbena l-ħajt in kwistjoni.

**Antoine Attard** xehed diversi drabi. Senjatament igħid li hu segwa sew il-binja tal-fond *de quo* u li baqa' jmur jiċċekja l-proprjeta' ħafna drabi fuq bażi ġurnaljiera.

Jitkellem ukoll li din il-proprjeta' ma kenetx ir-residenza prinċipali tiegħu u ta' martu, tant li kienu jużawha bħala villeġjatura u anke jistiednu n-nies fiha u jsiru BBQs, b'hekk juri li qatt ma kien hemm problemi bil-ħajt in kwistjoni.

Dwar in-natura tax-xogħol igħid li huma qabdu l-aħjar perit u ħallew kollox f'idejh.

Dwar il-ħajt igħid li dan ġie mibni kif riedet Marlene u li kien imqabbad mat-taraġ u mas-saqaf tad-deck. Dwar kienx jistrieħ ma' x'imkien, iwieġeb illi bejn il-ħajt u l-blat kien hemm spazzju biss biex jidħol saba'.

48 Folio 407

Mistoqsi l-ħajt kienx marbut iwieġeb li kien *'imqabbad mat-taraġ minn din in-naħa, u mal-kumplament tal-ħajt u tad-deck minn din in-naħa..'*[49] *Jiddeskriva li dan il-ħajt kien 18-il metru minn ħajt għal ieħor, imma l-biċċa li waqgħet kienet 1.5metres.'* Ukoll li l-ħajt kien wieħed estetiku.

Mistoqsi kif fil-kawża kriminali ntqal li l-ħajt inbena fuq struzzjonijiet tiegħu wieġeb:- '*L-istruzzjonijiet dejjem tal-perit, saru lill-bennejja kif ħa jinbena l-ħajt. Jien struzzjonijiet tiegħi mal-perit sa mill-bidu nett, fuq id-disinn kien, jekk nixtieq pool kwadru ngħidlu jien pool kwadru nixtieq. ....kollox il-perit ħa ħsieb.'*

Insista li sar kollox bil-permessi. Insista li għalkemm il-ħajt inbena fuq xewqa tiegħu li hu kien imur dejjem għand il-perit u jieħu ħsieb hu.

In kontro-eżami suġġerit lilu li l-periti innegaw li kienu parteċipanti b'xi mod fil-bini tal-ħajt, ukoll li fil-kawża kriminali, senjatament fis-sentenza jirriżulta li kien hu li ta l-istruzzjoni lill-bennejja biex jibnu l-istess ħajt, iwieġeb li hu jinterpreta l-pjanta mal-bennejja. Pero' imbagħad igħid li *'Orrajt ejja ngħidu li hemmhekk ma xtaqtx li jkun hemm blat f'dik il-parti. Xtaqt ħajt nadif'*[50].

Jinsisti li kull perit li mar fuq il-post ra dan il-ħajt. Ukoll li dan il-ħajt kien imniżżel fuq il-pjanti. Indika fuq il-pjanta a folio 541 dak li skontu kien il-ħajt involut. Għalhekk għamel referenza għal *boundary wall*. Igħid pero' li kien mibni f'livelli differenti. Jiddiskrivih bħala mibni foljiet differenti. Li fejn kien hemm il-pool kien mibni f'ċerta għoli n-naħa l-oħra iżjed baxx. Muri r-ritratti a folio

[49] Folio 969
[50] Folio 975

213, ġie rinfaċċat bil-fatt li dan il-ħajt ma kienx ikompli. Ikkonferma li dik il-parti li waqgħet ma kenetx imqabbda ma' xejn. Imqabbad biss mat-tarag ukoll mad-deck ta' taħtu. Mistoqsi direttament mill-Qorti, stante li kien qed jinsisti li kien hemm ħajt wieħed twil;

*"Qorti: 'Bejn dat-twil u dan li waqa' kien hemm connection?'*
*Xhud: 'il-parti li waqgħet le.'"*[51]

Ikkonferma li l-parti li waqgħet '*Ma kenetx qed tmiss ma' ħitan oħrajn*'[52].

Dwar struzzjonijiet għal bini tal-ħajt, wieġeb li hu ma kienx ta struzzjonijiet kif għandu jinbena l-ħajt.

Dwar min ried li jinbena l-ħajt wieġeb: *'Ix-xewqat kif ġie ddisinjat il-post kienu kollha tiegħi. Kollha tiegħi. La xtaqt li jinbena' kollu bricks tiegħi, li jinbena kif inbena kollu tiegħi. Imma l-perit kien involut minn qabel u x-xogħol ġie sorveljat ukoll'*[53].

**Igħid li wara li waqa' l-ħajt u qatt ma tkellem mal-perit fuq ix-xogħol li kien għamillu.**

Tkellem mal-bennej, li insista miegħu li l-ħajt kien mibni sew.

---

[51] Folio 982
[52] Folio 983
[53] Folio 986

**Marlene Attard** tixhed minn jeddha b'affidavit.[54] Spjegat illi l-binja in kwistjoni kienet inbniet minnhom, żewġħa u hi, ukoll li kienet tintuża għal kiri. Tgħid li kien żewġha, il-konvenut Antoine, illum minnu separata, kien imur jara għal bżonnijiet tal-kerrejja u jieħu ħsieb il-post.

Tgħid li ma kellha ebda dettalji tal-kirja fejn miet il-vittma ta' dan il-każ. Tgħid li pero' minħabba li Antione kien se jkun imsiefer li fetħet hi liż-żagħżagħ. Tgħid li minħabba ilment fuq dawl tal-pool marret tirranġa dan u darba li kienet hemm setgħet tara ħafna xorb alkoħoliku.

Għalija ħadd ma kien fis-sakra.

Tgħid li appena telqet u ġiet biex issuq xi żagħżagħ ħargu iwaqqfuha biex tidħol għax kien ġara xi ħaga. Meta daħlet sabet ħafna bricks mal-art u żagħzugħ mixħut mal-art.

Tgħid li ġew il-ġirien biex jagħtu l-għajnuna.

Tgħid liz-żagħzagħ l-oħra qalulha *he climbed the wall*. Tgħid li ċemplet lil bennej James Mifsud. Dan ma rrispondihiex.

Tiddeskrivi r-ritratti li wrewha iż-żagħżagħ, tgħid li rat lil vittma b'idejħ imqabbdin mal-parti ta' fuq tal-ħajt sabiex jerfa' l-piż tiegħu.

[54] Folio 945

Tgħid ukoll illi darba li rnexxielha taqbad ma' James Misud dan qallha li kien se jiġi għal bricks u joħodhom għat-testing.

Tiddeskrivi l-ħajt li ġġarraf qiegħed ħdejn taraġ li kien imiss mal-ħajt. Turġien li hi u familtha kienu jużaw ta' spiss.

Tgħid ukoll li hi mhux persuna teknika u ma kenetx kapaċi tagħraf jekk il-ħajt kienx skont il-pjanti.

Tgħid li meta l-post kien għadu *f'shell form* il-ħajt in kwistjoni kien ġia mibni.

Tgħid li dejjem użaw il-kuntratturi l-konvenuta Buz-Dov. Ukoll li kienu applikaw għal *minor amendments,* ukoll li kien inħargilhom il-*compliance certificate.*

Tgħid li ġieli bħala familja kienu jqattgħu weekends ġol-fond *de quo* u qatt ma nnutaw xi perikolu fil-proprjeta'.

Mitluba mill-konvenut James Mifsud u Gordon Farrugia[55] Marlene Attard, tispjega li ma' żewġha kienet waħda mill-proprjetarji tal-fond. Tgħid li ma kenetx tmur ta' spiss fuq il-lant. Ma kenetx linja tagħha. Qalet illi xogħolha fil-proġett tal-bina kien li tħallas. Spjegat li xogħolha kien ta' management ġewwa l-Awtorita' tal-Ipjannar, qalet li nonostante li fl-Awtorita' il-file kien jidher fuqha,

[55] Folio 594

dan qatt ma kien remit tagħha. Ma kenetx taf tispjega kif dan kien jimmarka fuqha.

In kontro-eżami[56] tixhed li hi ma kienet qatt involuta fl-applikazzjoni għal permessi relatati mal-bini tal-fond *de quo*. Tibqa' insistenti li nonostane l-okkupazzjoni tagħha ġewwa l-Awtorita', li ma kellha x'taqsam xejn u lanqas tagħraf jekk il-ħajt in kwistjoni kienx kopert bid-debita permessi għalkemm tinsisti li ħareg il-*compliance certificate.*

Inoltre wara li ġiet murija diversi ritratti u baqgħet insistenti li l-ħajt imġarraf kien parti mill-appoġġ, fl-aħħar qablet li dan kien ħajt *free scanning*, mhu marbut ma' xejn ħlief mat-taraġ. Ukoll li l-biċċa proprjetà ta' warajħ kienet tagħmel parti mid-dar,[57] ukoll proprjeta' tagħhom.[58]

**<u>Xehed b'affidavit James Mifsud. [59] </u>**Jikkonferma li hu kien direttur tas-soċjeta' konvenuta li kienet twaffqet għat-twettiq ta' xogħol ta' bini. Ikkonferma li huma kienu ħadu l-kuntratt tal-bini fejn kien seħħ l-inċident fatali dan wara li Antoine Attard kien għoġbu x-xogħol tagħhom.

Jitkellem dwar xogħolu fil-kumpanija li jdur il-lant u jara l-bżonnijiet. Il-periti tal-proġett kienu Edwin Mintoff u l-perit Aaron Farrugia. Ta' l-aħħar igħid li tah struzzjonijiet biex jieħu direzzjonijiet mingħand Antoine Attard. Għalkemm dan l-aħħar imsemmi perit kien imur fuq il-lant, igħid li hu xorta kien jirċievi

---

[56] Folio 997
[57] Folio 997
[58] Ibid.
[59] Folio 603

struzzjonijiet mingħand il-konvenut imsemmi, dan wara li l-istess Attard kien igħidlu li kien iqatta' ħin mal-perit biex jieħu struzzjoiniet mingħandu.

Jixhed fuq ħajt li hu fuq istruzzjoni ta' Antoine Attard waqaf erba' pulżieri taħt il-livell ta' fejn kien jasal is-swimming pool. Igħid li Antoine kien qallu li qed ddejjqu l-brama li tinsab fil-blat fil-livell ta' l-għajnejn u li minnha kien qed inixxi l-ilma ħadrani. Igħid li din il-brama kienet tiġi wara l-ħajt li kkaġuna l-inċident fatali però imbagħad żid illi Antoine tahom xi struzzjonijiet biex jgħattu din il-brama. Tant li mistoqsi mill-perit Farrugia għala ma kienux bnew il-ħajt madwar il-pool, hu kien wieġbu li Antoine kien għadu ma ddeċidix x'ser jagħmel hemmhekk. Anzi ikompli jżid li hu ma kellu ebda amment li l-ħajt in kwistjoni inbena minnhom. Ikompli wkoll illi Antoine Attard ġieli qabbad xi nies barranin biex jagħmlu xi xogħolijiet fid-dar.

Ikompli illi huma tħallsu tax-xogħlijiet u qatt ma kellhom ebda ilment. Ikompli wkoll billi jgħid li fil-bidu ta' Awwissu 2011 kien irċieva telefonata mingħand Marlene Attard u infurmatu bl-inċident. Igħid li meta ra l-ħajt li waqa' kien qal li dan kien sar minħabba l-brama li Antoine kien qallu dwarha. Jerġa jirritjeni li ma kienx jiftakar li l-ħajt kien mibni minnhom.

Iżid li meta ra l-ħajt imwaqqa' seta' jara li l-ħajt kien mibni bi bricks u kien b'saħħtu, u li l-bricks kien kollu biż-żokra u għalhekk kien ingulmat u mwaħħal ma' xulxin. Żgur li ma kien ser jiġrilu xejn li kieku ma ġietx applikata forza fuqu. Igħid li dal-ġuvni ma messux ixxabbat jew tela' mal ħajt.

In kontro-eżami[60] kkonferma li hu ma kellu ebda liċenzja biex jaħdem fil-qasam tal-bini. Mistoqsi min kienu l-bennejja li kienu jaħdmu magħhom ma kienx jaf jirrispondi. Igħid li hu filgħodu kien ikun fuq il-lant u jagħmel ħin sew jiddiskuti ma' Antoine Attard. Kien imur jissorvelja x-xogħol, fin-nuqqas tiegħu kien ikun preżenti wieħed mill-ħaddiema bħal speċi *foremen on site*. Dwar id-direzzjonijiet li kien jieħu mingħand Antoine jikkonferma li l-perit kien imur biss biex jara kif kienu qed isaqqfu, wkoll jagħmlu l-ħadid ukoll li x-xogħol kien qed isir skont il-pjanta. Ta eżempju fejn kien Antoine li tah direzzjoni fejn issir it-torba wkoll li kellu jersaq ħajt. Igħid li Antoine kien itih struzzjonijiet fis-sens ta' kemm ried ħajt wisgħa u li jekk dan ma kienx tvarja l-istruttura ma kienx isib problema inkwantu hu kien is-sid.

Mistoqsi kienx jobdi lil Antoine bla ma jiddiskuti mal-perit wieġeb li kien iddiskuta mal-perit fejn fil-basement minflok għamlu ħajt dobblu għamluh singlu u l-perit kien qallu biex imexxi.

Dwar ix-xogħol li Antoine qabbad lil ħaddieħor jagħmel, wieġeb li dan sar għal ġarr tat-torba wkoll biex jimtela' ħajt ta' taħt il-basement. Igħid pero' li dan in-nies hu qatt ma rahom.

Reġa kkonferma li kien ċert li l-ħajt in kwistjoni ma bnewhx huma.

Muri r-ritratt a fol 212 jirrispondi li dan kien inbena għax Antoine ma riedx jara l-brama wkoll li fuq hekk kien anke staqsih il-perit. Igħid ukoll li dan ma kellux għalfejn jinbena għax warajh kien hemm ħajt ieħor. Ftit wara, muri r-ritratt

[60] Folio 784 et seq.

imsemmi jinsisti li ma kienx qed jara ħajt imma dawl abjad. Igħid li min bena dak il-ħajt għamlu bi skop biex titgħatta l-brama li minnha kien ħiereg l-ilma u jsebbah iż-żona. Jikkonferma wkoll li l-pool ma kienx imdawwar b'ħajt kontinwu. Jikkonferma li dak li hu ssejjaħ *parapett wall* li jiddividi binja minn oħra bnewh ukoll huma pero' jibqa' insistenti li fir-ritratt muri ma kienx qed jara ebda ħajt.[61]

Jispjega li għalkemm quddiem il-perit tekniku Ciliberti kien qal li l-ħajt ma bnewhx huma, imma meta kien reġa' bagħat għalih minħabba pressjoni li għamillu l-perit Ciliberti kien qal li bnewh huma. Anzi jgħid li Vincent Ciliberti beda jdaħħlu f'dubbju bil-kliem li beda jgħid.

Ukoll jixhed li wara li waqa' l-ħajt hu kien ġabar xi bricks minnu minn barra t-triq u ħadhom il-plant.

Jispjega li għamel hekk biex jekk jinqala' xi ħaga jkun jista' jurih. Jinsisti li dan il-ħajt bnih min bnih bħala *feature wall* għamlu b'saħħtu ħafna.

Imfakkar dwar dak li xehed fil-proċeduri kriminali fejn issa ta versjoni differenti u ċioe' li hemm qal li l-ħajt bnitu is-soċjeta' konvenuta, fuq talba ta' Antoine biex titgħatta foratura, xorta baqa' jwieġeb li l-ħajt ma ġiex mibni minnhom.

[61] Folio 798

Innega wkoll li kien hemm sentenza ġia kontra tagħhom fejn is-soċjeta' attriċi ġiet imputata bi traskuraġni minn terzi klijenti tagħha, wieġeb li ma kienx jaf bihom.[62]

**Gordon Farrugia**[63] ukoll b'affidavit jixhed li fiż-żmien ta' l-inċident huwa kien segretarju tal-kumpanija konvenuta. Jikkonferma li s-soċjeta' konvenuta kienet ħadet il-kuntratt tal-bini tal-fond *de quo*, pero' hu ma kellu xejn x'jaqsam man-negozjar tal-kuntratt tal-bini.

Igħid li għalkemm kien imur fuq il-lant tax-xogħol *de quo* ma kienx involut fil-bini tiegħu direttament.

Kien iżur il-lant biex jara x'kienu qed jagħmlu l-ħaddiema wkoll biex jipprovdi il-materjal. Ma kienx ikollu ħafna kuntatt la mas-sid u lanqas mal-perit involut. Qal li Antoine kien qallu li kien imur għand il-perit biex jieħu istruzzjonijiet. Igħid li la da parti tagħhom u lanqas da parti tas-sid ma kien hemm xi tentativ biex ix-xogħlijiet ma jsirux skont is-sengħa u l-arti. Igħid li fuq il-lant in kwistjoni qatt ma ra li kien hemm bżonn xi xogħol rimedjali jew li jitneħħa xi periklu. Pero' jżid li dwar il-ħajt in kwistjoni li ma kien jaf xejn, lanqas jekk ġiex mibni minnhom jew le jew minn terzi.

Jaqbel ukoll fil-kontro-eżami ta' Dr Zammit Maempel li l-ħajt *de quo* ma kienx inkluż fil-pjanta. Riferut lilha dak li qalet is-sentenza tal-Qorti Kriminali, ċioe' fejn ġie kkonfermat lilu jgħid li l-ħajt ġie mibni fuq struzzjonijiet ta' Antoine biex

[62] Aktar tard fl-atti ġiet preżentata nota b'erba' sentenzi ta' kundanna ċivili kontra s-soċjeta' konvenuta.
[63] Folio 605

titgħatta foratura, allura għal bdil tal-versjonijiet tiegħu wieġeb *"...il-ġurnata tallum jien qed ngħid li aħna ma bnejniex il-ħajt"*.

Igħid li issa kien ftakar hekk u li issa kien jinsab ċert. Jinsisti li l-verżjoni t-tajba kienet li l-ħajt ma bnewhx huma jew il-kumpanija konvenuta.

Imwiddeb li hu ħalef il-falz, wieġeb li dak li xehed fil-kriminal kien riżultat l-inċertezza.

Ideskriva dak li hu jsejjaħ *parapett wall* bħala wieħed twil u imqabbad mentri l-ħajt in kwistjoni bħala wieħed dekorattiv.

Jikkonferma li fuq il-blata li kienet tnixxi l-ilma kien mibni l-ħajt tal-appoġġ. Issa ukoll li ma nbeniex mill-kumpanija.

**Permessi relatati mad-dar u liċenżji.**

Tressaq jixhed **Oliver Magro**[64] senjatament għalkemm ikkonferma li fir-rigward tal-fond *de quo* kien ħareġ il-*compliance certificate*, pero' ma kienx f'posizzjoni li jesebixxi l-istess file għax jixhed li kien mitluf.

[64] Folio 513

Pero' meta ssirlu referenza għal folios 395, 396, 397, 399, 401, 402 u 403 tal-atti jikkonferma li dawn huma l-pjanti li ssir l-istess referenza għalihom relatati mal-*compliance certificate*, esebixxa d-dokument OM1 fir-rigward.[65]

Da parti tiegħu **Paul Camilleri[66]** esebixxa l-*final compliance certificate* Dok PC1[67]. Jixhed li hu ma kienx imur fuq is-sit konċernat. Igħid li l-file nnifsu ma kienx jaf x'sar minnu. Żid li l-*compliance certificates* kienu jinżammu appositu għalihom.

Żid li l-*enforcement officer* li jmorru jiċċekkjaw jgħidulhom li seta' jinħareg il-*compliance certificate.*

Ġie puntwaliżżat lilu li dan il-*compliance certificate* sar fuq talba ta' Attard Mizzi Marlene. [68]

Mistoqsi jekk dan ħariġx fil-konfront tad-dokumenti esebiti b'nota Dok PCC1[69] (per parentesi ġia riferuti appena *supra.*), wieġeb li ma kienx f'posizzjoni jwieġeb li kienu d-dokumenti relatati.

**Suzanne Sammut[70]***enforcement officer* mal-Awtorita' murija Dok PCC1 ikkonfermat li kienet hi li ffirmat il-*compliance certificate*. Iżżid li qabel ma

[65] Folio 518
[66] Folio 522
[67] Folio 528
[68] Folio 529
[69] Folio 532
[70] Folio 571

ħarġu l-*compliance certificate* zġur li kien hemm *site inspection*, fejn hi kkonfermat li l-villa kienet taqbel mal-pjanti approvati. Tikkonferma li l-*inspection* għamlitha hi għax kien id-distrett tagħha.

Tikkonferma li l-file ma nstabx.

Tikkonferma c-certificate maħruġ fit-23 ta' April, 2007.

Tikonferma li l-aħħar *compliance certificate* inħareg kienet dik tat-2010, li mhux neċessarjament hi tkun marret on site u li ġieli jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni tal-perit.

In konto-eżami, u wara diversi tentativi mill-avukat difensur, waslet biex qablet li fil-fatt il-ħajt li waqa' ma kienx jinsab fuq il-permess approvat. Fil-fatt hi għal ħin twil baqgħet tinsisti li l-ħajt kien fil-fatt kopert bil-permess in kwantu kien ħajt diviżorju. Pero' fl-aħħar waslet biex tammetti, dejjem murija r-ritratti esebiti, preċedentement mill-ġuvintur li ttieħdu a *tempo vergine*, li kien hemm żewġ ħitan.[71] Oltre, u jidher li dan kien l-aktar ta' importanza għalija, li anke jekk dan il-ħajt *de quo* ma kienx jidher fuq il-pjanta, li skonta ma kienx se jaffettwa l-*compliance certificate.*

Oltre baqgħet insistenti li għal fini ta' *compliance* l-eżistenza tal-ħajt ma kienx jagħmel differenza. Pero' tinsisti li hi ma setgħetx tgħid meta fil-fatt ttella' dan il-ħajt. Mistoqsi jekk meta għamlet l-*endorsement* tagħha l-ħajt kienx ġia hemm,

[71] Folio 584

wieġbet li ma kenetx tiftakar. Baqgħet insistenti li ma kienx jinċidi fuq il-*compliance.*

**Dr. Micheal Camilleri**[72] ta informazzjoni li fis-sena 2012, meta saret l-applikazzjoni fuq il-post *de quo* ma kienx hemm imposta l-polza ta'assikurazzjoni *third party liability* fuq *furnished holiday premises*.

**Malcom Zerafa** [73] xehed qua manager tal-M.T.A. Wieġeb li l-Awtorita' tat-Turiżmu ma kenetx tidħol f'kwistjonijiet ta' health and safety ta' fond pero' kienu jivverifikaw jekk per eżempju dan kienx ikun fornit *b'fire extinguishers, fire blankets* etċ. Għalhekk jikkonferma li ċ-ċertifikati li toħrog l-MTA ma jikkonċernax istruttura ta' binja intiża bħala *holiday premises.*

Spjega li jiġu mitluba permessi ta' bini, u konferma li l-fond hu fi stat abitabbli.

Jikkonferma li fir-rigward tal-fond *de quo* il-liċenzja ġiet approvata fl-1 ta' Awwissu, 2012.

Igħid ukoll li darba mhux liċenzjat, fond ma setax jinkera għat-turisti.

Iżid li wisq probabbli fis-sena 2021 ma kenetx tintalab liċenzja għal third party liability.

[72] Folio 600et. Seq.
[73] Folio 681

**P.L. Quentin Tanti**[74] bħala rappreżentant tar-Registratur tal-Kumpaniji jixhed biex jagħti informazzjoni dwar id-diretturi tas-soċjeta konvenuta Buz-Dov Ltd, dawn kienu l-konvenuti l-oħra Mifsud u Farrugia. Esebixxa dokumenti relatati mal-istess, għalhekk id-dokument QT[75] juri li sa l-ewwel ta' Awwissu 2011, id-diretturi tas-soċjeta konvenuta kienu l-konvenuti Mifsud u Farrugia, ukoll li sa l-istess ġurnata indikata Gordon Farrugia kien wieħed mis-segretarji tal-konvenuta soċjeta'.

**Qliegħ**

**Stephane Michel**[76] missier id-deċedut, fiehem illi Quentin kien ġab il-Baċellerat u ried jistudja jew *catering* u *hospitality* fil-*Vettel School* ġewwa Parigi, ukoll kien għamel eżamijiet għal skola oħra ta' business mac-Chamber of Commerce ukoll ġewwa Parigi. Qal li l-idea ta' Quentin kienet li jistudja *commercial management* imbagħad jidħol ġos-settur ta' *hospitality.*

Igħid li Quentin kien kompla l-ewwel sena b'suċċess. Minħabba li kien tajjeb fl-ingliż intgħażel biex imur *training period* fl-Ingliz ġewwa Philadelphia. Vjaġġa waħdu.

Jiddeskrivi lil Quentin bħala *average* akademikament imma li kien jaf fejn kien sejjer.

[74] Folio 686
[75] Folio 690
[76] Folio 264

Esebixxa d-dokumenti tal-Baċellerat li kien ottjena Quentin.[77] Ukoll certifikati akkademiċi oħra ottenuti mid-deċedut[78] ukoll oħrajn relatati mal-istess tematika.[79]

Igħid hekk dwar ibnu *"..it was clear that his future was devided into two parts. His first part the three years in that business school because there is where he was accepted after school and then further studies on manegment specialising this time in hospitaliy. It was a rather traditional way of doing it. It is more general for three years or five years and then move into something special."*[80]

Jispjega wkoll li għalkemm kien diffiċli li ġo Franza li ssib small jobs, imma ibnu beda jaħdem fi tlett kumpaniji differenti. Ma' kumpanija ta' credit, sab ukoll xogħol ta' *baby sitter* u wara l-iskola kien imur jieħu ħsieb it-tfal. Kellu wkoll xogħol ma' *luxury shop* ukoll f'Pariġi.

Irrefera għal dokument li tirrifletti fejn mar il-wirt ta' ibnu; għalhekk għandu, martu u ż-żewġ uliedu l-oħra.[81]

Iżid li s-salarju ġewwa Franza ta' min ikun għadu kif spiċċa l-istudju hija ta' €40,000. Igħid li din kienet paga tradizzjonali għal żagħżagħ li jkunu studjaw.

[77] Dok GM2 folio 275
[78] Dok GM4folio 277
[79] Dok GM5 Folio 278
[80] Folio 266
[81] Folio 40

Jixhed li ibnu kien ifaddal biex ikun jista' jagħmel ġiti bħal din li fiha spiċċa tilef ħajtu.

Aktar tard reġa' xehed[82] u kkonferma li stante li l-mejjet kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni *accident policy* li kienet tkopri lill-familtu darba li kienu jgħixu kollha ġo daru. Igħid li din kienet tkopri *personal accidents* fid-dinja. Jikkonferma li kien irregistra *claim* mal-kumpanija assikurattiva li kienet kopritu biex jivvjaġġa ma' familtu meta ġew Malta u ta' dan ħa €1300. Ġie kopert ukoll għal spejjeż tal-lukanda meta ġie Malta għall-udjenza ta' Qorti fis-sena 2016. Eskluda li s-soċjeta assikuratriċi kienet se tkoprih għad-danni naxxenti mill-mestier ta' ibnu, pero' kkonferma li kien se jkun kopert għal proċeduri legali sa ammont hemm speċifikat.

Ġew esebiti mill-attur kemm il-polza ta' assigurazzjoni minnu ndikata wkoll dokumenti marbuta mal-qliegħ u paga relatata ma' Franza.

**Responsabilta' ta' l-inċident**

**Ġurisprudenza**

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Trevor Grech vs Lawrence Agius** tal-Qorti tal-Appell Ċivili[83]:

*"11.Il-Qorti tibda billi tosserva illi azzjoni għall-ħlas ta' danni personali minħabba inċident, bħal dik imnedija mill-attur appellat, trid tiġi mistħarrġa fid-*

[82] Folio 608
[83] Deċiża 15/06/2023 Rikors 1030/2013/GM

*dawl tal-prinċipju Latin magħruf bħala «An et Quantum Debeatur», li maqlub għall-Malti jfisser: jekk u kemm huwa dovut.*

*12.Tassew huwa magħruf f'dan il-qasam tal-liġi, li azzjoni maħsuba għall-ħlas tad-danni hija maqsuma f'żewġ stadji differenti. Fl-ewwel stadju tal-kawża jrid jiġi stabbilit jekk il-konvenut jaħtix għall-inċident inkwistjoni;u kemm-il darba din ir-responsabbiltà fil-konvenut tinstab, allura fit-tieni stadju tal-kawża, wieħed irid jara liema u kemm huma d-danni li ġew imġarrba minħabba dak l-inċident (araGiovanni Fava nomine v. Nutar Giovanni Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar, 1935,Antonio Borg nomine et v. Guido Abela et deċiża mill-Qorti tal-Appell* fl-*14 ta' Mejju, 1954 u Vincent Fenech et v. Keyland Company Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-30 ta' Ottubru,2009)"*

Ikkunsidrat:

L-artikoli li jixprunaw l-azzjoni attriċi huma l-artikoli 1032, 1033 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan iġib miegħu l-obbligu li l-attur li qed jipproponi din il-kawża irid jirnexxielu jiprova sal-grad mitlub mil-liġi illi n-nuqqas tal-konvenut ġab dan is-sinistru miegħu.

i. Mill-provi jirriżulta li huma l-konvenuti konjugi Attard li huma l-propjetarji tal-fond li fih miet il-vittma Quentin Michel.

Iż-żewġ konjugi Attard jikkonfermaw ukoll illi huma ġew introdotti mal-kuntratturi tramite l-perit tagħhom Edwin Mintoff u jidher li wara li ħadu konjizzjoni ta' xogħolijiet oħra minnhom eżegwiti ngaġġaw lill-istess konvenuti Mifsud, Farrugia u s-soċjeta' Buz-Dov għall-iskop tal-bini tal-proprjeta' *de quo.*

Kemm Antoine Attard ukoll martu jaqblu li kien Antoine li kien isegwi l-progress tal-bini tal-fond, tant li kien ikun fuq il-lant kuljum anke jagħti direzzjonijiet lill-kuntratturi fuq struzzjonijiet ta' perit ieħor ingaġġat Aaron Farrugia, li mhux dejjem seta' jkun presenti hemm miegħu.

Fil-fatt mhux ikkontestat li Attard kien jirċievi struzzjonijiet mingħand il-periti tiegħu imbagħad jitrasmetti l-istess lill-kuntratturi, għalkemm kif jixhdu tal-aħħar meta si tratta ta' soqfa u dettalji strutturali aktar impenjattivi, il-kuntratturi kienu jsegwu id-direzzjoni diretta tal-periti ingaġġati.

ii. Jirriżulta wkoll li grupp ta' żagħżagħ ġew għal btala ġewwa Malta wara li kienu tterminaw is-sena akkademika tal-istudju u għal dan l-iskop krew il-fond *de quo* mingħand il-konvenuti Attard.

L-aħħar li wasal ġol-fond kien il-vittma Quentin Michel. Dan wasal fil-għaxija meta sħabu kienu ġia kielu u kienu qegħdin mal-*pool area.* Wara li biddel fil-malja ta' l-għum u għażel, kif jikkonfermaw sħabu, li jipposa ma' ħajt li kien hemm tiela' mat-tarag li kien iwassal għas-swimming pool. Ir-ritratt a folio 214 juri lil dan il-guvni sekondi qabel ma ġie mirdum b'ammont ta' bricks fil-kroll al-ħajt fuqu.

iii. M'hemmx qbil jekk il-mejjet iddendilx mal-ħajt fis-sens li tefa' fuqu l-piż tiegħu jew straħx miegħu b'xi mod jew sempliċement għamel il-posa li tidher fuq l-istess ritratt li jissimula li kien qed jiddendel ma' dan il-ħajt. Li hu ċert li dan il-ħajt, kif sew inqabbad f'dan ir-ritratt, tgħawweġ u iġġarraf. Pero' x-xhieda okulari

sħab il-mejjet, jinnegaw li Quentin tefa' il-piż tiegħu fuq il-ħajt fis-sens li ddendel miegħu, jinsistu li din kienet biss posa.

iv. Lanqas hu kkontestat li dan il-ħajt kien mibni bi bricks, skont Mifsud mibni sew u inkulmat, anzi mibni skont is-sengħa u l-arti.

v. Jirriżulta wkoll u dan wara ħafna tidwir minn ċertu xhieda illi dan il-ħajt inbena żgur mingħajr ma kien proġettat fil-pjanti approvati mill-Awtorita' tal-Ippjanar, għalhekk m'għaddiex mill-iskrutinju tal-periti. Lanqas hu ċert jekk dan il-ħajt telgħax wara li nħareg il-*compliance certificate* tant li lanqas minn iċċertifika l-fond hekk ma kienet f'posizjoni tgħidilna dan.

vi. Il-Qorti hija wkoll konvinta li fil-fatt dan il-ħajt tela' fuq ordni ta' Antoine Attard għax kienet qed iddejqu l-brama li kienet tidher fil-ħajt inti u tiela' lejn il-pool. Dan jagħrfuh kemm Gordon Farrugia wkoll James Mifsud. Tqies ukoll illi it-tidwir tax-xhieda ta' dawn iż-żewġ minn nies kif riprodotta fit-tul *supra*, hija mera ċara ta' l-involviment tagħhom fir-rigward. Il-Qorti ġiet rinfaċċata b'ħafna versjonijiet ta' dawn iż-żewġ konvenuti li jmur biex juri kemm fil-fatt kienu qed jipprovaw jgħattu xturhom. Oltre dan għalkemm jgħidu li fuq il-lant kellhom ħaddiema oħra tagħhom, ma jiriproduċu lil ħadd jixhed fir-rigward.

vii. Stramberija oħra, u din aktar torbot lil Mifsud u Farrugia mal-bini tal-ħajt kienet il-fatt li darba li Marlene Attard ċemplet lil bennej wara t-traġedja, senjatament lil Mifsud biex tgħidlu bil-waqa' tal-ħajt, **għax mibni minnhom**, dan riedna nemmnu li għal ġost u l-pjaċir ħa l-bricks li sab barra (skontu) biex

jippreserva l-istess. Azzjoni li ma tagħmilx sens fid-dawl tan-negazzjoni tiegħu ta' nuqqas ta' involviment mal-bini tal-ħajt.

viii. L-aktar li l-Qorti issib inkredulenti huwa wkoll il-fatt, u hawn Mifsud żelaq bil-kbir, li muri ritratt ċar tal-ħajt, jibqa' insistenti li hu ma kien qed jara ebda ħajt imma biss riflessjoni ta' dawl abjad! Pero' xorta jinsisti li dan l-ħajt li hu ma kienx qed jagħraf kien mibni sew, għalkemm għalih bnewh terzi, u li kien mibni skont is-sengħa u l-arti għax kien inkulmat u allura waqa' biss għax ġiet eżerċitata forza fuqu.

ix. Jinsisti wkoll, u hawn il-Qorti ssib żelqa oħra, li hu ammetta li l-ħajt kien mibni minnhom quddiem il-perit Ciliberti, biss minħabba l-pressjoni li eżerċita fuqu mill-istess perit. Jinsa jew aħjar jinsew il-konvenuti dak li qalet is-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Antoine Attard et** fejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali[84] sabet ħ/tija fil-konfront tal-konvenuti llum Mifsud u Farrugia għal binja tal-ħajt. L-istess sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.[85]

**Għalhekk il-Qorti tikkonkludi, u dwar dan m'hemmx dubbju, li l-ħajt li ġġarraf kien mibni mill-konvenuti Mifsud, Farrugia u s-soċjeta' tagħhom fuq direzzjonijiet tal-konvenut Antoine Attard. Ma jistgħux issa l-konvenuti Mifsud u Farrugia jinħbew wara s-soċjeta' li tagħha kienu diretturi, ukoll meta kienu direttament responsabbli għax-xogħolijiet kollha esegwiti fuq il-lant.**

[84] Deċiża 27/05/2019 kump.nru. 1255/2012
[85] Deċiża 26/02/23

Bla dubbju dan il-ħajt iġġarraf. Hija l-opinjoni tal-perit Aquilina li dan ma '***Ma kellu ebda inkulmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta' wara.'*** Dan jikkontrasta sew mal-opinjoni li ressaq Mifsud li għalih min bena l-ħajt bnih skont is-sengħa u l-arti.

**Parteċipazzjoni tal-Konvenuti Antoine u Marlene Attard.**

Fl-ewwel lok għandu jingħad sa fejn jirrigwarda l-kontumaċja ta' Antoine Agius li n-nuqqas ta' adempjenza mat-termini ritwali għal preżentata ta' risposta ġuramentata da parti ta' Antoine Attard ma tfissirx li hu b'xi mod qed jammetti t-talbiet mressqa fil-konfront tiegħu.

Kif sew jingħad dwar dan l-istitut tal-kontumaċja -:

*"Fid-dawl ta' din ir-rigorożita` fl-applikazzjoni tat-termini proċedurali stipulat mil-liġi u l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spissi rriversibbli li jġib miegħu n-nonosservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158 subinċiz 1 għall-preżentata tar-risposta ġuramentata, ġie wkoll paċifikament aċċettat li l-istitut tal-kontumaċja għandu jiġi applikat u mfisser b'mod ristrettiv.Għalkemm il-kontumaċja hi deskritta bħala dispett lejn l-awtorità ġudizzjarja, l-istess ma tissarraf qatt f'xi forma ta' ammissjoni, totali jew parzjali, tat-talba attriċi. Li tiddefendi ruħek f'kawża ċivili huwa naturalment jedd u ċertament mhux obbligu u minn tali jedd jidderiva l-preċett tal-awtonomija ta' dik il-parti li taf tagħżel illi ma tattivax ruħha u ma tirreaġixxix, salv għall-konsegwenzi proċedurali relattivili wieħed jista' jinkorri jekk jagħmel dan."*[86]

Konsegwentement isegwi li l-atturi kellhom iressqu provi *pure* kontra l-inadempjenti Antoine Attard biex isostnu t-talba tagħhom.

[86] Elaine Micallef vs Luke Micallef Qorti tal-Appell deċiża 12 ta' Mejju, 2022 ( riproduzzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti).

Ikkunsidrat:

i. Kif ingħad il-fond *de quo* kien jappartjeni lill-konjuġi Attard u nbena fuq direzzjoni tagħhom. Għal dan l-iskop huma ngaġġaw ditta ta' periti rinomati u fdaw f'idejhom id-disinn tal-proġett.

Ġia ntqal li l-periti ma jidhrux li kellhom ebda parteċipazzjoni fil-bini tal-ħajt imġarraf, dan nonostante talbiet mil-konvenuti kuntratturi għal kjamat in kawża tagħhom.

Il-ħajt inbena biss fuq direzzjoni ta' Antoine Attard, u bnewħ il-kuntratturi appaltati.

ii. Lanqas m'għandha dubbju l-Qorti li dan ma kienx sanzjonat bl-ebda mod, u li nbena biss biex jissodisfa x-xewqa tal-proprjetarji, l-aktar Antoine Attard, li tinħeba l-brama li kien hemm fil-ħajt mal-ġemb tat-taraġ li kien iwassal għas-swimming pool.

iii. Tqum għalhekk il-mistoqsija jekk dana kollu jwassalx għal imputabbilita' tal-konvenuti konjugi Attard għall-akkadut.

Mill-lat ġurisprudenzjali ingħad dan fir-rigward fid-deċiżjoni fl-ismijiet **John u Mary Borg et vs Emmanuel Galea et.**[87]

[87] Deċiża 19/05/2009 Qorti tal-Appell Rikors 1844/1995/1

*"Kif intqal fil-kawza Francica vs Buhagiar, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2004:""bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu konness fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F`kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa aċċetta li jahdem ix-xoghol, dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti uspondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"*

*"Fil-kawza Casha vs Busuttil, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Jannar, 2006, dak li intqal aktar qabel minn din il-Qorti intqal ukoll minn dik l-Onorabbli Qorti meta f`kuntest iehor, ghamlet is-segwenti osservazzjoni:""Mhux hekk biss pero`. Fl-obbligu impost fuqu skond dawk l-istess regoli huwa kellu qabel xejn jivverifika jekk il-bazi realizzata minn terzi, u li fuqha kellu jqieghed it-tegoli, kienetx soda u adegwata bizzejjed biex isservi ghall-piz addizzjonali taghhom, jiddenunzja kull difett li jiskopri u,f`kaz ta' vizzji hekk skoperti, jastjeni milli jaghti esekuzzjoni ghall-appalt moghti lilu. Fi kliem iehor, ghar-realizzar ta' opra, teknikament idonea u ghas-sodisfaciment tal-kommittent, hu kellu d-dover li qabel xejn jikkontrolla u jirrendi ruhu edott minn xi karenzi fl-istruttura tal-bazi. Karenzi dawn li setghu gew rilevati, jew kienu hekk rilevabbli, skond il-kriterji tad-diligenza normali,dejjem, s'intendi, fil-limiti tal-kompetenza teknika tieghu.Fil-kaz konkret dan ma jidhirx li sar jew, ghall anqas, l-attur appaltatur ma pprovax li hu diligentement ghamel din il-verifika u ma rriskontrax dawk id-difetti, li gew eventwalment skoperti u kummentati mill-periti tekniku"*

In tematika ntqal dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet Pubbliċi vs Charles Azzopardi.**[88]

*"3.Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ghamlet elenku korrett tal-principji li japplikaw f'kaz ta' appalt, ucjoe`:-*

*•L-appaltatur ghandu f'kull kaz jezegwixxi l-inkarigu moghti lilu skond is-sengha u l-arti. Ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti"L'imprenditore hal'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo idettami dell'arte sua, e deve prestare*

[88] App.Ċiv. 939/1993/2 Deċiża 19/06/2006

*almeno una capacita` ordinaria" (Kollez VolXXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu"(Kollez Vol XL pI p485).*

*•L-appaltatur ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol fejn ikun jaf li r-rizultat ahhari, ghal kwalunkwe raguni,mhux ser ikun sodisfacenti. Fin-nuqqas ikun responsabbli ghad-danni:"L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina"(Kollez. Vol XXXVII pIIIp883). Ghax kif jinsab ritenuto ukoll"f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem"(Mario Blackman-vs-Carmelo Farrugia et noe", AppellKummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*

*•Dan japplika avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent:"E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte"(Kollez VolXXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat:"l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sa rmhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"(Kollez. Vol XLII pII p1003);"*

iv. Illi huwa ċar u paċifiku mill-ġurisprudenza suċitata li l-appaltatur, allura min aċċetta li jeseġwixxi x-xogħolijiet, jinkombi fuqu li kull xogħol minnu hekk eseġwit ikun skont is-sengħa u l-arti u li jassigura li jseħħ skont kull regolament miegħu relatat.

v. Dan għandu jiġri *a prexxindere* minn dak dirett lilu mill-kommittent, tkun xi tkun id-direzzjoni riċevuta. Għalhekk l-appaltatur huwa obbligat li jsegwi u joqgħod għax-xewqat tal-kommittent tiegħu, dan pero' ma jneħħi xejn mill-obbligu mixħut fuqu bil-liġi li jżomm mas-sengħa u l-arti u fejn dan jkun se jinkorri max-xewqat tal-kommittent, għandha tipprevali l-obbligazzjoni tiegħu li toħrog mill-liġi.

vi. Isegwi wkoll illi l-kommittent ma jistax jirrispondi għal għemil tal-appaltatur għax hu feda f'dan biex jeseġwixxi x-xogħol skont is-sengħa u l-arti. Tfakkar ukoll li l-konjugi Attard użaw is-servizzi tal-kuntratturi bennejja u s-soċjeta li ġew indikati lilhom mill-perit fdat minnhom.

v. Anke jekk ikkontestat mill-konvenuti, fis-sens li l-ħajt kien mibni sew, dan verament ma jirriżultax. A *prexxindere* mill-allegata kontributorjeta' tad-deċedut, u għal fatt li Antoine Attard jinsisti li dan il-ħajt tant kien mibni sew li kien iservi ta' serħan għal min juża' t-tarag li jwassal għal pool, l-istorja uriet mod ieħor. Dan kollu huwa marbut ma' dak li kkonkluda l-perit maħtur fl-inkjesta kif fuq riferut. **Ma tressqet ebda prova teknika li tgħid mod ieħor.**

Dan kien ħajt marbut biss mat-tur[ien u *decking* li fi kliem il-perit indipendenti maħtur fl-inkjesta ma kien inkulmat ma' imkien.

**Wieħed jista igħid a tragedy waiting to happen. Pero' ta' dan ma jaħtux il-konjuġi Attard.**

<u>**Kontributorjeta'**</u>

Jibqa' biex jiġi diskuss u determinat jekk it-traġedja kenetx imputabbli biss lil Quentin Michel jew kienx hemm element ta' kontributorjeta' da parti ta' dan il-ġuvni għat-twaqqigħ tal-ħajt.

**Dwar il-kontributorjeta' il-ġurisprudenza tgħallem li:-**

*"Kif jipprovdi l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili:-"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta'diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddecidi,fid-diskrezzjoni taghha, f' liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwewghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni."*

*Fil-kawza Froom vs Butcher, Lord Denning spjega:-"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty of others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.".Mill-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili wiehed jista' jasal biex ighid li ghal fini ta' kontributorjeta hu rilevanti wkoll x'kienet il-kawza tad-danni. Taht il-ligi Ingliza bid-dhul fis-sehh ta'The Law Reform (Contributory Negligence) Act 1945,"....what is essential is that the claimant's conduct contributes to his damage. Thus there may be a reduction where a motor cyclist fails to wear a crash helmet, where a passenger in a car does not wear his seat belt, or where a man rides in a dangerous position on the outside of a dust cart, or rides with a driver who he knows to have taken substantial quantities of alcohol."*[89]

*...fis-sentenza Joseph Galdes–vs-Victor Micallef, Qorti tal-Appell, 20ta' Jannar 1964 (Vol. XLVIII.i.59) fejn inghad:"vouldiri,huwa mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja da parte tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjanti jkunu kkagunaw id-danni b'semplici kolpa jew anki b'dolo, minghajr ebdaregola prestabilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu. B'dana kollu, s'intendi,tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' dannu, fis-sens illi 'it is a sound*

[89] Winfield & Jolowicz on Tort, W.V.H. Rogers (17 Edizzjoni, Sweet & Maxwell, 2006)pagna 324

*rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally'*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Martin Costa vs Jonathan Buġeja** ingħad li**:-**[90]

*"Illi għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjeta` jgħodd l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negligenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra*[91]*, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti*[92]*. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta` għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara*[93]*. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta` tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta` min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta` fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara*[94]*. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;*

*Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, "Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory*

[90] Deċiża fis-27 ta' Jannar, 2022 Rik. Nru. 335/09JRM

[91] App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet Galdes vs Micallef (Kollez. Vol: XLVIII.i.59)

[92] P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Onorato Buġeja vs Dennis Aġius

[93] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et

[94] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe

*negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"*[95]*;*

*Illi huwa mgħallem u aċċettat b'Awtorita` li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita` tar-riskju li dieħla għalih*[96]*. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra*[97]

Ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Richard Fenech Vs Rook Construction Ltd et.**[98] ingħad in tematika li:-

*"Inghad a propozitu fid-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Galdes –vs- Victor Micallef", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964 (Vol. XLVIII P I p 59), "vouldiri, huwa mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja da parte tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjanti jkunu kkagunaw id-danni b'semplici kolpa jew anki b'dolo, minghajr ebda regola prestabilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu. B'dana kollu, s'intendi, tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' dannu, fis-sens illi 'it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally."*

Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Michael D'Amato bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri John; u b' diġriet tal-Qorti tal-11 ta' Lulju**

[95] Froom vs Butcher CA QB 286 (1976) per Denning LJ
[96] Ara s-sentenza P.A. RCP 31.5.2011 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Żammit vs Maltapost plc (mhix appellata)
[97] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et (mhix appellata)
[98] 3 ta' Ottubru, 2003 Citazzjoni Numru. 1997/1997/1

**2000 John D'Amato qed jassumi l-atti f'ismu proprju Vs Filomena armla ta' Joseph Spiteri et.**[99] intqal dan:-

*"Issa hu minnu, kif maghruf, illi t-tfal spiss drabi ghandhom dak li jissejjah "mischevious propensity", li jingibdu ghal dawk l-affarijiet li huma ta' perikolu, b' mod li allura l-iskartocc f' dan il-kaz jista' jinghad li kien xi 'allurement' jew xi 'trap' jew xi 'concealed danger'. (A propositu ta' dan ara decizjonijiet fl-ismijiet "**John Debono et –vs- Neg. Joseph Muscat proprio et nonime**", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar 1960 u "**Nicholas Mallia –vs- Saviour Baldacchino"**, Appell kummercjali, 12 ta' Dicembru 1989). Ragjonevolment ghalhekk meta dan hu hekk konoxxut min hu responsabbli ghandu juza attenzjoni massima u jassikura ruhu, b' adempiment shih tal-ligi u tar-regolamenti u bit-tehid ta' mizuri effettivi, biex jilqa' ghal sitwazzjonijiet konsimili;*

*Minn naha l-ohra mhux mistenni illi l-mizuri prekawzjonali adoperati jigu infranti mir-ricerkaturi ta' l-att illecitu u abuziv. Jirrizulta li kemm l-attur kif ukoll siehbu kienu konxji tal-fatt li kienu qed jaghmlu hazin u li kienu qed jesponu lilhom infushom ghar-riskju meta marru "festa bunting" ..., armati b' kaxxa sulfarini, bl-iskop format u pre-koncertat illi jaghtu n-nar lil kaxxa partikolari taz-zibel fejn jum qabel kienu osservaw lil xi hadd iqieghed basket bil-murtali fiha... ;*

*F'sitwazzjoni bhal din ma setax jonqos li fl-azzjoni hekk proposta l-attur jigi rinfaccjat bl-invokazzjoni tal-principju legali "volenti non fit iniuria", gjaladarba, fi kliem **Charlesworth** ("On Negligence", 5th Ed., pagna 364), kif rakkolt fis-sentenza "**Doreen Fenech –vs- Francis Agius**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Marzu 1997, huwa stess "freely and voluntarily with full knowledge of the nature and extent of the risk he ran impliedly agreed to incur it". Tali kienet l-imgieba tieghu u tali l-verita` l-aktar akkreditata f' dan il-kaz sfortunat;*

*Dejjem in riferenza ghall-precitata massima guridika tghodd ukoll din is-silta rakkolta mill-opra omonima ta' l-awtur imsemmi. "A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run."*

[99] Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003 Citazzjoni Numru. 886/1993/2Ph.S.

*Il-ftehim bejn l-attur u siehbu kien jirrivesti dak espress f' din silta, kummentata u approfondita ghalkemm f' direzzjoni xort' ohra fid-decizjoni fl-ismijiet "**Paul Vassallo et –vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986;*

*B' ri-epilogu ta' dak kollu fuq riferenzjat, din il-Qorti, anke jekk tissimpatizza ma' l-infortunju ta' l-attur, ma tarax kif il-pretensjoni tieghu tista' tkun meritevoli ta' gustifikazzjoni u akkoljiment;*

*Kif fuq espost, il-Qorti ma tirravviza l-ebda ness ta' kawzalita` bejn il-komportament u l-kondotta tal-persuni konvenuti, salv fil-kaz ta' Michael Aquilina, sieheb l-attur, u l-event li fih l-attur issubixxa danni personali ta' entita` apprezzevoli. L-incident kien unikament provokat mill-istess attur u siehbu. L-imgieba taghhom tista' ghalhekk titqies bhala l-kawza esklussiva tad-dannu konsegwit mill-fatt jew att illecitu taghhom stess. Tali att ma jistax, u, anzi, ma ghandux, kif hekk pretiz mill-attur, jigi fronteggjat lill-konvenuti bl-iskop li b' hekk jigu newtralizzati l-konsegwenzi ta' l-illecitu kommess minnu stess. Illecitu, li fl-opinjoni tal-Qorti, jibqa' l-uniku fattur determinanti li ggenera l-perikolu ghall-istess attur, u r-riskju tad-danni subiti."*

Ikkunsidrat wara li saret id-debita referenza għad-deċiżjonijiet nostrali li:

i. Huwa żgur li ma hemmx qbil bejn ix-xhieda ta' dak li okkorra biex wassal għal kroll tal-ħajt, għajr pero' għax-xhieda okulari *a tempo vergine.*
ii. Għal diversi drabi tul ix-xhieda issir referenza għar-ritratt meħud fil-ħin propju x'hin beda t-titwiġ tal-ħajt, dak a folio 216.
iii. Il-Qorti ħarset fit-tul lejn dan ir-ritratt biex tipprova tifhem sew dak li okkorra fil-mument li kien qed jittieħed, il-mument proprju tal-kroll tal-ħajt.

iv. Hemm suġġerimenti li l-mejjet kien qed jipprova jitla' mal-ħajt, jiddendel, allura jitfa' il-piż tiegħu fuqu, din ċertament hija t-teżi li jorbtu magħha l-aktar il-bennejja konvenuti.

v. Nicholas Drizard, l-awtur tar-ritratt jibqa' insistenti illi Quentin kien biss qed **jissimula** dan, li għalkemm kellu idejh ma' fuq tal-ħajt, (dan ma kienx ħajt għoli 'l wisq u l-mejjet kien iġibu sew), ukoll li kien fuq tarġa u għalhekk ma kienx qed jeżerċita forza fuq l-istess. Fil-fatt jekk wieħed iħares sew lejn ir-ritratt jinnota li sieq waħda tal-mejjet tinsab fuq tarġa. Is-sieq l-oħra la ma tidhirx sew tħalli lil din il-Qorti f'inċertezza li tgħid kif ġie suġġerit li din tidher alzata bħal xi ħadd qed jipprova jiggranfa.

vi. Għandu jiġi preċisat ukoll, u dan minħabba l-insistenza da parti tal-konvenuti, li għalkemm issemma xorb alkoħoliku, li mir-riżultati tal-awtopsja ma ġie riskontrat ebda element ta' alkoħol ġod-demm tad-deċedut li jaqbeż il-permess imħolli mill-liġi. (ara atti ta' inkjesta esebiti folio 23).

Li huwa żgur li Quentin Michel straħ ma' dan il-ħajt. Ċar dan mir-ritratt innifsu. Kemm uża forza miegħu ma ġie ppruvat minn ħadd. Hija biss it-teorija avvanzata mill-konvenuti li tivventila din l-ipotesi. Anżi Nicholas Drizard jeskludi dan. Dan li ra mill-*view finder* tal-camera tiegħu ġia riprodott igħid "*'So, he was something near the wall because he was going to the swimming pool and so the pose he wanted to have was like basically, pretending to climb over the wall. So, that's why he started just* ***like*** *hanging on the wall with his two hands above the wall but still with one foot on the stairs. He didn't jump on the wall or anything. It* ***was just like slowly hanging on the wall and the goal of the picture who wants to see him pretending he was climbing the wall.***'

Marbuta mat-tagħlim ġurisprudenżjali ġia senjalat tqis illi:

a) Bla dubbju Quentin Michel kien aċċettanti tal-fatt li hu jippoża mal-ħajt u hemm jittieħidlu ritratt bħala rikordju ta' din il-btala, jidher li qed jipprova jiskala l-ħajt;
b) Li din l-azzjoni da parti tal-mejjet kienet waħda għal kollox volontarja, fil-fatt kif jixhed Drizard dan jidher li kien it-tieni attentat tat-teħid ta' dan ir-ritratt. L-ewwel wieħed falla għax ir-ritratt kien inqas ċar.
**c)** L-aktar element diffiċli għas-suċċess ta' din id-difiża ta' negliġenza kontributorja huwa l-aħħar element, ċioe' jekk darba li l-mejjet aċċetta li jippoża hekk għal dan ir-ritratt, kellux imqarr ħjiel li kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu fil-perikolu li fil-fatt okkorra; ħjiel fuq bażi tal-probabbli ta' dak li seta' jiġri u għamel l-azzjoni xorta. Allura dan il-ġuvnott sfortunat li biss sagħtejn jew tlieta wara li wasal f'pajjiżna, li għażel minn jeddu li jippoża mal-ħajt seta' kien jaf, jekk juża l-buon sens dettat mir-raġuni normali u mhux wieħed tekniku u espert, il-buon sens ta' bniedem fit-triq, tenut kont ukoll ta' l-eta' tenera ta' dsatax-il sena, li dan kien se jikrolla fuqu kif issostni ftit pressjoni?

**<u>It-tweġiba salv prova kontrarja li qatt ma nġiebet hija fin-negattiv. Aktar u aktar meta llum nafu fatt li kien skonoxxut għal dan it-tifel: li dan il-ħajt ma kien inkulmat ma' xejn!</u>**

d) Iżżid ma' dan l-Qorti u dan għax hekk argumentaw il-konvenuti bennejja/appaltaturi fin-nota tagħhom, li dan il-ħajt kieku kien inkulmat sew u mibni skont is-sengħa u l-arti, allura kieku l-bricks kienu tant tajba u soda kif jinsisti James Mifsud, biex allura aċċettata t-teżi ta' dendil mal-istess ħajt, din l-inkulmatura daqshekk tajba kellha twassal għal kroll ta' dan il-ħajt! Jekk kif igħid Antoine Attard dan il-ħajt, apparti wieħed

dekorattiv, kellu wkoll ir-rwol ta'appoġġ għal min qed juża t-taraġ, kellu allura jkun prevedibbli għal dan il-ġuvnott li azzjonitu kienet se twassal għat-tiġrif tiegħu?. Dan jorbot ma' dak espost fil-ġurisprudenza fuq in-negliġenza kontributorja, għaliex biex tissussisti l-vittma tas-sinistru ried konoxxjament ikun ik/kontribwixxa billi injora l-perikolosita' ta' dak li hu seta' jipprevedi.

**Konsegwentement issib li l-konvenuti ma jistgħux jistrieħu fuq id-difiża ta' negliġenza kontributorja.**

**Danni**

In vista ta' dak argumentat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti se tagħmel referenza għas-segwenti deċiżjoni kemm fil-Prim'Istanza ukoll fl-Appell biex ikun ġia ndirizzati sew il-vertenza mqajjma speċjalment fil-konfront tal-*lucrum cessans* u dan b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-Qrati mhux dejjem kien konkordi fir-rigward.

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla **Mario u Domenica Mizzi pro et noe vs Paul Genovese et** [100] il-Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

*"(B) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI*

*Illi f'dan il-kaz għandna l-werrieta tal-vittma li qed jitolbu li jiġu risarciti għad-danni sofferti mill-istess vittma. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta li kkumentat hekk fuq dan l-aspett tal-*

[100] 22/03/2002 569/98 RCP.

*kawza fis-sentenza fl-ismijiet 'Anthony Turner et vs Francis Agius et' deciza fis-17 ta' Frar 1998 (Cit. Nru. 180/94/GCD) u cjoe' :-*

*"Id-dritt għar-risarciment għad-danni hu dritt patrimonjali li jintiret bħall-oħrajn, u ma għandux ikun modifikat għax igħaddi b'wirt f'idejn is-suċċessur; id-dritt tas-suċċessur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tiegħu".*

*Illi dan huwa bbazat fuq il-fatt li kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni attriċi l-atturi qed jagħmlu din il-kawża bħala aventi causa mill-mejta tant li fl-istess ċitazzjoni attriċi jingħad li 'huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirriżulta mill-anness dokumenti' u għalhekk jidher ċar li d-danni li qed jiġu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma fil-mument tal-inċident li llum qed jiġu eżerċitati mill-istess atturi bħala suċċessuri tal-istess.*

*Illi fi kliem ieħor l-azzjoni ta' danni vantata mill-atturi hija l-istess azzjoni spettanti lill-vittma naxxenti mid-danni li soffriet kawża tal-inċident de quo, u għalhekk dak li qed jiġi eżaminat illum huma l-istess drittijiet li kien ikollha l-vittma li kieku baqgħet hajja u li fil-fatt kellha sakemm hija kienet għadha ħajja; dan iwassal għall-konsegwenza li tiġi wkoll in prattika eleminata l-anomalija li kienet inħolqot anke tramite ġurisprudenza preċedenti għal din is-sentenza fuq ċitata fejn min ikkawża id-dannu kien iwieġeb f'ammont inqas meta persuna tinqatel kawża tal-aġir irrisponsabbli u negligenti tieghu milli meta kien biss ikorri l-istess vittma, li kienet b'hekk isofri diżabilita' permanenti.*

*Illi f'kaz ta' mewt inveċe l-persentagg ta' diżabilita' permanenti huwa bla dubbju ta' mija fil-mija (100%) u għalhekk it-talba għar-risarċiment ta' danni għandha tiġi diretta lejn dan l-istess persentagg, u dan jikkonferma il-prinċipju li d-dritt u l-valur tal-ħajja huwa wieħed assolut u totali u hekk għandu jiġi rispett u rikonoxxut fil-liġi nostrali, b'dan li din is-sentenza qed tirrikonoxxi mhux biss l-għerf u l-umanita' tad-deċiżjoni ċitata, iżda wkoll il-principji leġali sodi li fuqha hija bbażata u li fuqhom din il-Qorti qegħda timxi.*

*Illi minn dan isegwi li l-istess atturi mhux qed jeżerċitaw l-azzjoni iure proprio iżda bħala eredi tal-mejta, u għalhekk dak li qed jiġi eżaminat ma huwiex l-effett li l-istess mewt tragika ħalliet fuq il-familjari tagħha, dipendenti minnha jew le, iżda d-dritt ta' danni sofferti mill-vittma li tramite l-liġi tas-suċċessjoni ġie trasmess lill-eredi, b'dan li d-dritt tal-azzjoni tal-vittma w id-dritt illum eċerċitat mill-eredi tagħha huwa l-istess wieħed identiku.*

*Illi dan il-kunċett ġie espress b'dan il-mod fl-istess sentenza u ċjoe':-*

*'Jekk il-liġi tippermetti u trid li l-atturi jirtu lill-mejta, ukoll jekk ma jiddependux minnha għall-ghejxien tagħhom, il-qorti ma tistax tgħid li l-atturi ma jirtux ukoll id-dritt għad-danni li kienet tieħu l-vittma li kieku baqgħet ħajja. Il-fatt li l-vittma*

*setgħet, kieku baqgħet ħajja, tiżżewweġ u għalhekk ma jirtuwhiex il-ġenituri u ħutha ma jibdilx il-fatt li, meta mietet qabel il-waqt, għax kellha x-xorti ħazina li tafda ħajjitha f'idejn sewwieq bla għaqal, l-eredi tagħha kienu l-atturi tallum".*

*Illi dan l-istat ta' fatt huwa wkoll rikonnoxut fil-liġi tagħna stante li l-artikolu 1045 tal-Kap 12 jiddisponi li:-*

*'(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba l-inkapacita' għall dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jġib'.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħħija għal din l-inkapaċita' tġgi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara'.*

*Illi l-artikolu 1046 tal-Kap 16 ikompli hekk:-*

*'Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali kkagunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapaċita' totali għal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan'.*

*Illi mela l-liġi ma tagħmilx differenza bejn it-tip ta' danni bejn il-kaz ta' diżabilita' permanenti f'kaz ta' persuna li twegga' u tibqa' ħajja u fil-kaz ta' persuna li tmut, u l-istess prinċipji ta' damnum emergens u lucrum cessans japplikaw, kollha soġġetti ghac-cirkostanzi tal-kaz in partikolari ; li hija sinifikattiv fl-artikolu 1046 hawn ċitat huwa li l-istess disposizzjoni tirrikonoxxi id-dritt tal-werrieta li jagixxu għad-danni sofferti mill-mejjet, u la darba l-istess liġi titkellem fuq werrieta huwa ovvju li l-azzjoni li din qed tirreferi għaliha hija proprju dik spettanti lill-persuna li tkun soffriet l-istess hsara u dan anke peress li fil-kaz ta' mewt il-liġi qed titkellem fuq inkapacita' totali għal dejjem b'riferenza diretta għat-telf ta' ħajja tal-istess individwu, u dan kollu jikkonferma li l-eredi qed jaġixxu bħala s-suċċessuri fid-drittijiet tal-istess vittma tal-akkadut.*

*Illi stabbilit il-premess iseġwi li l-kwistjoni ta' dependency hija superfluwa fil-kuntest tal-prinċipji fuq esposti u għalhekk din il-Qorti, dejjem bir-rispett, qed tiddipartixxi mill-gurisprudenza stabbilita bhala fil-kaz 'Maria Pace et vs Joseph Abela' , 'Josephine Desira proprio et nomine vs Joseph Cassar' (P.A. 13 ta' Jannar 1995), 'Joseph Meli et nomine vs Captain Edward sive Teddy Cachia (P.A. 21 ta' Novembru 1994), 'George Cumbo et nomine vs Robert D'Anastasi (P.A. 23 ta' Ottubru 1992) ; 'Pauline Lia proprio et nomine vs Paul Debattista*

*(P.A. 6 ta' Novembru 1995) u 'Josephine Xerri et vs Saviour Spiteri et nomine' (M.S. Ghawdex 22 ta' Frar 1985), kif di piu' għamlet is-sentenza citata '***Anthony Turner et vs Francis Agius*'.**

*Illi din il-Qorti wkoll tafferma dak li ġie enunċjat fl-aħħar sentenza ċitata li ma għandu jsir ebda tnaqqis mis-somma li għandha tiġi likwidata għal dak li setgħet tikkosma il-vittma kieku hija baqgħet ħajja stante li dan it-tnaqqis ma jsirx fil-kaz ta' persuna li baqghet ħajja u għalhekk ma għandux isir fil-kaz ta' persuna li tmut, u dan huwa konsegwenti tal-fatt ġuridiku li tali dritt għar-risarċiment tad-danni jintiret mill-eredi bla ebda modifika, u 'd-dritt tas-suċċessur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tiegħu. Jekk ngħidu mod ieħor inkunu qegħdin nerġgħu ngħidu li aktar jaqbillu min isuq ħażin isuq ftit agħar sabiex il-konsegwenzi tas-sewqan ħażin tiegħu jkunu aktar serji, sabiex lill-vittimi joqtolhom flok ikorrihom. Din hija ħaga li l-liġi żgur ma tridhiex; u ma għandux ikun li min ghaħdu jwieġeb għal danni jgħid mn'Alla qatilha lill-vittima għax li kieku baqgħet ħajja iżda inkapaċitata għal kollox kien ikun agħar għalih'.*

**Pero' l-Qorti tal-Appell[101] skartat din it-teorija msemmija u fid-deċiżjoni tagħha għaddiet għat-temperament tas-somma likwidata qua danni billi rraġunat hekk-:**

*"L-Aggravju dwar il-Likwidazzjoni tad-Danni.*

*20.Fit-tieni lok, u darba li l-ewwel aggravju gie respint, il-konvenut Genovese jillanja mill-fatt li kwantu ghall-quantum tad-danni li gew likwidati lid-danneggjati mill-ewwel Qorti, kien hemm lok li ssir riforma biex dawn jigu ridotti u ridimensjonati f'ammont ferm izghar, b'mod li jkunkonformi mal-ligi, u li jkun jirrispekkja rizarciment "ta' danniveri u reali kif tiddisponi l-ligi u dana fid-dawl tal-gurisprudenza accettata".*

*21. Kif diga` intqal, l-ewwel Qorti kienet illikwidat in lineata' danni s-somma komplessiva ta'Lm134,905.60, u danu koll billi dik il-Qorti dehrilha opportun li tistrieh maggorment fuq is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "***Anthony Turner et v.Frances Agius et***(Citazzjoni numru 120/1994/1) decizafis-17 ta' Frar1998, liema sentenza effettivament kienet hadet linja differenti minn sentenzi ohrajn moghtijin minn dawn il-Qrati f'incidenti konsimili. Jinghad mill-ewwel li dik is-sentenza kienet giet riformata drastikament minn din il-Qorti, kif illum komposta, b'sentenza moghtija fit-28 ta'Novembru 2003. A skans ta' ripetizzjoni ghalhekk,qeghda ssir riferenza shiha ghal dik is-sentenza finali ghar-raguni li din il-Qorti ghadha tikkondividiha*

[101] 3 ta , Marzu, 2006.

*pjenamentu dan ifisser li l-quantum tad-danni f'din il-kawza wkoll iridjigi ridott sostanzjalment. In succint, fis-sentenza Turneret v. Agius surreferita, fejn il-vittma kellha biss sbatax-ilsena, u mhux wiehed u ghoxrin (21) sena meta mietet, din il-Qorti ddecidiet hekk:-*

*(1) li l-"multiplier" kellu jinhadem fuq medda ta'hajja lavorattiva mifruxa fuq perijodu ta' tletin (30) sena (u,kwindi, ghaxar (10) snin anqas minn dak moghti mill-ewwel Qorti).*

*(2) li tenut kont tal-grad ta' dipendenza bejn il-vittma u l-atturi, dak li jirrigwarda l-"lucrum cessans",kellhom isiru ezercizzji ta' riduzzjoni billi fl-ewwel lok l-ammont globali likwidat kellu jonqos ghal terz; u mbaghad issir riduzzjoni ohra ulterjuri ta'hamsa u ghoxrin (25) fil-mija in linea ta' rata ta' konsum misthajjel ("self-consumption");*

*(3)fl-ahharnett kellu jigi kkunsidrat ukoll, darba li jigi kkristallizzat l-ammont tad-danni, jekk kellhiex issir riduzzjoni ohra minhabba li l-ammont dovut ikun ser jithallas f'daqqa ("lump sum payment"), f'liema kazi dawn il-Qrati ghamlu deduzzjonijiet li joxxillaw bejn l-ghaxra u l-ghoxrin fil-mija, tenut kont pero` taz-zmien li jkunu hadu l-proceduri biex jintemmu u l-ammont ta' danni involuti. Fil-fatt kien hemm kazi li, minhabba t-tul taz-zmien,ebda tnaqqis ma gie moghti, u proprju fil-kawza Turner et v.Agius ma kien sar l-ebda tnaqqis.*

*22. Applikat is-suespost ghall-kawza in ezami jfisser li l-punt ta' tluq ghal fini ta' likwidazzjoni ghandu jkun ibbazatfuq is-segwenti:*

*(i)is-salarju tal-mejta Marion Mizzi qabel l-incident: Lm4215.80per annum;*

*(ii)"multiplier" ta' tletin (30) sena;*

*iii)Percentwal ta' telf: 100%;*

*(iv)Tnaqqis minhabba grad ta' dipendenza: zewg terzi (2/3) ta' l-ammont hekk likwidat;*

*(v)Tnaqqis ulterjuri ta' 25% fil-mija bhala "selfconsumption"; u*

*(vi)Tnaqqis ta' "lump sum payment";jekk ikun il-kaz*

*23. Tenut kont tas-suespost, ifisser li fl-ewwel lok, l-ewwel tlett ezecizzji jwasslu ghas-somma segwenti:-Lm4,215.80c X 30 X 100% = Lm126,474.00. Din is-*

*somma ta' Lm126,474.00 trid tonqos ghal terz (1/3)minhabba l-grad ta' dipendenza, jigifieri ghalLm42,158.00c, u mill-gdid bi kwart (25%) ghal "selfconsumption", jigifieri ghas-somma ta'Lm31,618.50(wiehed u tletin elf, sitt mija u tmintax-il lira Maltin uhamsin centezmu).*

*24. Dwar tnaqqis ulterjuri minhabba kunsiderazzjonijiet ta'"lump sum payment", din il-Qorti jidhrilha lif'dan il-kaz ukoll (a differenza ta' l-ewwel Qorti) m'ghandu jsir ebda tnaqqis ulterjuri. L-incident sehh f'Jannar 1997, il-kawzagiet istitwita fl-20 ta' Marzu 1998 u ilha pendenti ghalhekk ftit anqas minn tmien snin, li hu zmien konsiderevoli.*

*25. Tajjeb li jigi rilevat li ma giet prodotta l-ebda prova dwar dannum emergens, ghalkemm dawn issemmew fl-att tac-citazzjoni min-naha ta' l-atturi; li ebda wiehed mill-appellati ma interpona appell jew appell incidentali (fil-fatt,lanqas risposti ta' appell masaru minnhom); li ghalkemml-ammont salarjali nhadem bla konsiderazzjoniet ta'awmenti, min-naha l-ohra dana nhadem bhala "gross",jigifieri minghajr tnaqqis ta' taxxi u kontribuzzjonijiet ohra lisolitament jittiehdu mis-salarju*

*Ghalhekk l-ammont tas-sorte qieghed jigi ridott mis-somma ta' Lm134,905.60c ghas-somma ta' Lm31,618.50c(wiehed u tletin elf, sitt mija u tmintax-il lira Maltija uhamsin centezmu) u f'dan is-sens ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellant qieghed jigi milqugh kif hawn jinghad".*

**Ta' interess lill-vittma fil-każ ċitat kellha wieħed u għoxrin sena mentri fis-sentenza Turner dsatax-il sena**.

Hu stabbilit illi d-danni emerġenti mill-artikolu tal-liġi suċitat huma tlieta: *damnum emergens, lucrum cessans* u danni psikoloġiċi (fejn applikabbli).

**Liġi barranija**

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tagħmel eżami tad-danni u x'inhu dovut jekk jirriżultaw, jinħtieg li ssir referenza għal dik li hi l-liġi barranija, fil-każ odjern franċiża, riferuta mill-attur noe fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Intqal mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Eleazar Galea vs Dr.Simon Micallef Stafrace et[102]:**

"*Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li, fi kwistjonijiet bħal dawn, il-liġi barranija għandha tiġi trattata bħala punt ta' fatt u mhux punt ta' liġi[103] u, minħabba f'hekk, trid titressaq prova tagħha daqslikieku kienet xi fatt ieħor u mhux fis-sura ta' sottomissjoni[104]. Is-sentenzi msemmija mill-appellanti kienu jkunu ta' fejda għalihom li kieku nġabet prova dwar il-liġi Kanadiża fil-waqt xieraq quddiem l-Ewwel Qorti u kieku dawk is-sentenzi jsaħħu dik il-prova. Huwa wkoll mifhum li prova bħal din issir bil-mezz ta' xhud espert fil-liġi barranija li jkollu l-ħiliet misjuba fl-Artikolu 563B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[105]".*

Bla tlaqliq jingħad li kull fejn mill-attur noe saret referenza għal-liġi franċiża din ma tressqetx *qua* prova bil-metodoloġija mitluba mill-liġi kif intqal, għalhekk hemm karenza ta' prova fir-rigward.

**Damnum emergens**.

Il-konvenuti msejjħa l-bennejja jeċċepixxu illi dawn ma ġewx ippruvati allura mhux dovuti.

---

[102] Deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2023 Rikors 417/14/1

[103] [103] Ara ***Rose Grima noe v. Carmen Vella,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**20 ta' Lulju, 2020**, (App. Ċiv. 49/2012) §

[104] [104] Ara l-provvediment ta' din il-Qorti, fl-ismijiet ***'Marlon Borg noe. v. M.V. Bright Star',*** (Rik. 653/2018) §18.

[105] L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 563B tal-Kap. 12 jaqra hekk: *"(1) Min ikollu l-kwalifiki meħtieġa minħabba f'li jaf jew minħabba l-esperjenza tiegħu jkun jista' jagħti xiehda ta' espert dwar id-dritt ta' xi stat barrani, irrispettivament minn jekk huwa qatt ipprattikax jew kellu dritt jipprattika bħala avukat, jew bħala uffiċjal ġudizzjarju jew legali f'dak l-istat.".* Ara wkoll: ***'Direttur tad-Dipartiment għal-Standards fil-Ħarsien Soċjali v. Josephine Arslan',*** deċiża minn din il-Qorti fit-**8 ta' Lulju, 2008**. (App. Ċiv. 78/2007)

Missier id-deċedut jixhed dwar id-danni emerġenti billi jgħid l-assikurazzjoni kienet koprithom għal ispejjeż marbuta mal-vjaġġ tagħhom lejn Malta meta ġew għal udjenza tal-Qorti u dan fl-ammont ta' €1300. Jagħmel ukoll referenza għal polza ta' assikurazzjoni u dokument Dok SM 4[106], dejjem fotokopja, li jitkellem dwar spejjeż li kienu se jiġu koperti mill-assikurazzjoni, fl-ammont ta' €16,000 relatati ma' spejjeż legali u ġudizzjarji, ukoll is-somma ta' €2740,50 somma intiża biex tkopri spejjeż funebri.

Mhux ċar jekk dawn ġewx ġia riċevuti mill-atturi. Pero' hu meqjus mill-Qorti illi ġialadarba l-assikurazzjoni kienet ddikjarat li kienet se tkopri dawn, biex ma jsirx arrekkiment indebitu, mhux ġust li jiġu addebitati spejjeż oltre ta' din in-natura lill-konvenuti misjuba responsabbli.

**Konsegwentement ebda damnum emergens mhu se jiġi likwidat.**

**<u>Lucrum cessans</u>**

Magħdud ma' dak li l-Qorti ġia rriproduċiet fis-sentenza tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza:

- **Joseph u Josephine Falzon pro et. noe. Vs Emmanuel Schembri[107]** ( din titratta ta' ħdim ta' qliegħ futur ta' vittma ta' eta' tenera wkoll student li sofra debilita' permanenti).

*"Illi l-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-*

[106] Folio 675

[107] Deċiża 30 ta' Gunju, 2020 rik.Ġur. 1036/11JRM

*ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kkawżata minn dak l-għemil*[108]*;*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi qegħdin jippretendu kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (damnum emergens), u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li Carl Falzon sejjer iġarrab minħabba li baqa' ma fieqx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrab fl-inċident (lucrum cessans);*

*Illi biex il-Qorti tasal għall-kumpens xieraq li l-atturi għandhom jingħataw, trid tasal għall-konklużjoni illi dak li qed jitolbu l-atturi bħala damnum emergens ġabu l-prova tiegħu li ntefaq b'riżultat ta' dan l-inċident,* ***filwaqt illi biex tasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens għal-lucrum cessans, il-Qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attur Cartl Falzon seta' beda jbati minn dak inhar tal-inċident sal-lum***[109]***,*** *u dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

…

*Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tibgħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha*[110]*;*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li meta seħħ l-inċident, l-attur Carl Falzon kien għad għandu biss tnax-il (12) sena u dak iż-żmien kien għadu ma daħalx fid-dinja tax-xogħol, u kien għadu qiegħed jittama li jsegwi linja professjonali partikolari;*

….

*Illi tidħol hawnhekk konsiderazzjoni tal-kejl tal-multiplier li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-multiplier huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-*

[108] Art. 1045(1) tal-Kap. 16
[109] PA JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux appellata)
[110] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)

*ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika*[111]. *Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases"*[112]. *Huwa mgħallem ukoll li "... the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income"*[113]*;*

*Illi huwa stabilit ukoll li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi*[114]*, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara*[115]*, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident*[116]*, illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji*[117]*;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u taċ-ċirkustanzi li joħorġu mill-atti tal-kawża, u wara li l-Qorti qabblet il-qagħda tal-attur ma' oħrajn bħalu f'kawżi ta' din ix-xorta*[118]*, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' erbgħin (40) sena;*

*Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ 'lump sum payment'), iż-*

---

[111] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)
[112] Peter Cane, *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* (6th Edit, 1999), paġ. 122
[113] W.V.H. Rogers *The Law of Tort* (2nd Edit., 1994) f'paġ. 228
[114] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***
[115] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
[116] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***
[117] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited***; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef St John et vs Richard Spiteri et***
[118] Ara App. Ċiv. **3.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Isabelle Borġ et vs Robert Galea et***

*żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident*[119]*. F'dan il-każ, il-kawża nfetħet madwar ħames snin wara li ġara l-inċident, u sa ma qiegħda tingħata din is-sentenza se jkunu għaddew ftit anqas minn disa' snin minn mindu nfetħet il-kawża. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza*[120]*. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) mis-somma ta' danni likwidati taħt il-kappa tal-lucrum cessans;*

*Illi bħala molteplikand il-Qorti trid tqis il-fatt li meta seħħ l-inċident, Falzon kien għadu taħt l-età u kien għadu ma daħalx fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk, il-Qorti ma kellhiex wisq fuqhiex timxi biex tkejjel dan l-aspett tal-likwidazzjoni. Hemm provi dokumentali li kien beda jikseb kwalifiki fil-qasam tal-Accountancy. Madankollu, ma tressqu l-ebda provi dwar xi ingaġġ jew dħul. L-atturi ressqu wkoll dokumentazzjoni jew statistika uffiċjali dwar pagi applikabbli għal kategoriji speċifiċi*[121] *u kif ukoll dokumentazzjoni dwar l-għamla ta' salarji jew pagi li jitħallsu f'dawk l-oqsma*[122]*. Din il-Qorti ma tistax ma tqisx kemm l-eżerċizzju li trid tagħmel fih aspetti qawwija ta' spekulazzjoni dwar ħafna kontinġenzi li ħadd ma jista' jobsor kif se jkunu fil-ġejjieni, l-aktar meta l-kejl jirrigwarda vittma li kienet għadha żgħira fl-età meta seħħ l-inċident. Madankollu, b'qies tal-imsemmi tagħrif u wkoll wara li jittieħed qies ukoll tal-aspett tal-inflazzjoni, il-Qorti ssib li l-multiplikand xieraq għandu jkun ta' tnejn u għoxrin elf euro (€22,000) netti fis-sena;*

- Fis-sentenza fl-ismijiet **Trevor Grech vs Lawrence Agius**[123] li titratta wkoll ta' disabilita' permanenti saru konsiderazzjonijiet utli għall-eżami tal-lum:-

*70. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni (ara Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-*

[119] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***

[120] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***

[121] Dok "MF1", f'paġ. 289 tal-proċess

[122] Dokti AB14" u "AB15", f'paġġ., 262 u 270 – 2 tal-proċess

[123] Deċiża mill-Qorti Appell Ċivili fil-15 ta' Gunju, 2023 1030/2013/1

*16 ta' Novembru, 1983 u Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).*

*71. Minbarra dan, għalkemm fil-passat ingħataw bosta sentenzi fejn ġie mtenni li l-multiplier ma kellux jaqbeż l-għoxrin sena, din is-sitwazzjoni nbiddlet wara s-sentenza Mary Bugeja noe et v. George Aġius noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Lulju, 1991, fuq ir-raġuni li l-Qorti għandha tfittex, qabel kull ħaġa oħra, li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien qabel l-inċident, b'dana għalhekk li l multiplier irid ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-multiplier għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-multiplier irid jinkorpora ġo fih dak lelement ta' «chances and changes of life or vicissitudes of life*

*72. Il-kunċett ta' «chances and changes of life», ġie mdaħħal biex sewwa sew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod iehor. Kien għalhekk li l-working life expectancy ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-multiplier (ara Francis Gauci v. Jimmy Bugeja deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).*

*73. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2016, mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-multiplier bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara wkoll Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).*

*74. Fil-każ tagħna, l-Ewwel Qorti ddeċidiet fis-sentenza appellata li tħaddan multiplier ta' ħamsa u għoxrin (25) sena. L-attur appellat fir-risposta tal-appell tiegħu kiteb li huwa jista' joqgħod ma' dan l-ammont ta' multiplier. Min-naħa l-oħra, il-konvenut appellant jgħid li l-multiplier kellu jkun ta' għoxrin (20) sena.*

*75. Din il-Qorti wara li ħadet kont tal-prinċipji mnissla mill-ġurisprudenza fuq imsemmija, tosserva tosserva li l-attur appellat ħamsa u tletin (35) sena meta seħħ l-inċident u li qabel dan l-inċident huwa kien ibati minn problemi fit-tirojde …… u kellu piż ta' mija u għaxar kilogrammi, li skont l-attur appellat kienu aktar muscle weight milli fat weight…. B'żieda ma' dan, għad li din il-Qorti tagħraf li l-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem tiżdied kulma jgħaddi ż-żmien saħanistra anke wara l-età legali tal-irtirar, madankollu min-naħa l-oħra, meta tqis l-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja, tara li multiplier ta' 25, viz. sakemm l-attur jagħlaq sittin (60) sena, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti huwa wieħed ġust u xieraq.*

*76. Dwar id-dħul tal-attur appellat li fuqu għandu jinħadem il-multiplier, din il-Qorti minnufih tiddikjara li hija ma taqbilx mal-konvenut appellant, li hija jmissha timxi fuq id-dħul nett tiegħu tas-salarju. Il-ġurisprudenza talQorti tal-Appell f'dan ir-rigward hija waħda ċara ħafna, fis-sens li t-telf ta' qligħ għandu jinħadem fuq id-dħul gross tas-salarju (ara fost ħafna oħrajn Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2021, Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2021, Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020 u George Borg et nomine v. Anthony Borg et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2008).*

*77. Kif ġie mfisser mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Carmela Muscat pro et noe v. Francis Schembri et deċiża fis-27 ta' Jannar, 1972), xogħol il-Qorti huwa li tillikwida d-danni għat-telf ta' qligħ futur u: "mhux tagħmilha ta' speċi ta' tax collector, bir-riżultat li tiffavorixxi ddebitur tad-danni u taggrava lid-danneġġata, inkwantu l-ewwel wieħed jiġi jħallas inqas milli għandu proprjament jiġi likwidat u t-tieni wieħed, għall-bżonn, ikun irid jerġa' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilità li jkun ġie qiesu ħallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba oħra, fuq is-somma ġia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe każ l-income tax għandha titħallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet ċivili u l-kalkolu tagħha jista' jiddependi fuq diversi ċirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneġġat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u għalhekk il-Qorti lanqas ma għandha biss tesprimi opinjoni, fuq ħaġa li mhix ta' kompetenza tagħha."*

*78. Hekk ukoll din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut appellant meta jgħid li fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ futur m'għandux jitqies l-għoli tal-ħajja. Huwa magħruf li minn żmien għal żmien il-pagi jogħlew u dan bħala riżultat tal inflazzjoni (ara Leserlie Caruana v. Brian Cauchi deċiża mill-Qorti talAppell fit-30 ta' Mejju, 2008). Kemm hu hekk, insibu lista sħiħa ta' sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ħadet qies tal-għoli tal-ħajja fil komputazzjoni ta' telf ta' qligħ futur (ara bħala eżempju Noel Falzon v. Dexter Bianco deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020, Susanne Sammut pro et noe v. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta deċiża millQorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020, Emanuel Bartolo et v. Karl Vella Petroni deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012 u Joseph Galea et vs. Charles Fenech pro et noe et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004)*

*79. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti temmen li fuq multiplier, b'firxa ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, huwa mistenni li l-paga tal-attur appellat kienet ħa tiżdied aktar minn €26,824.22, li huwa kellu skont l-FS3 tas-sena 2011. Kienet siewja għalhekk l-Ewwel Qorti meta għamlet aġġustament ta' 20% biex għolliet id-dħul gross tiegħu għal €32,188 fis-sena.*

*80. Li għamlet ħażin l-Ewwel Qorti però, huwa li wara li hija kattret issomma ta' €32,188 għal ħamsa u għoxrin darba (li jiġu €804,700), hija naqset milli tqis li l-attur appellat instab li kellu inkapaċità permanenti fi grad ta' 30%. Is-somma għalhekk li kellha tiġi likwidata favur l-attur appellat għat-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità permanenti kellha tkun ta' €241,410 (€804,700 x 30%).*

*82. Il-konvenut appellant iżda jgħid fl-appell tiegħu, li kull somma likwidata favur l-attur appellat għandha tkun soġġetta għar-regola tal-lump sum reduction fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara Raymond Sammut v. Anthony Micallef App. Ċiv. 1030/13/1 deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).*

*83. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża iddum biex tiġi deċiża (ara Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju,*

*2022, Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, Camille Borg Canalis v. Joseph Borg deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u Emanuel Galea v. Pierre Scicluna deċiża mill-Qorti talAppell fit-13 ta' April, 2007*

*84. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan irrigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li ttnaqqis minħabba l-lump sum payment għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited deċiża millQorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).*

*85. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u Lawrence Caruana v. Anthony Falzon deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).*

- Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Dr.Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb**[124] ingħad:

*52. Il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra z-zewg aspetti l-ohra tat-tielet aggravju tal-appellant. Is-socjetà appellanti tikkritika lill-Ewwel Qorti ghaliex fis-sentenza ta' l-1 ta' Gunju 2006 adottat bhala base earnings ghall-fini tal-kalkolu tal-lucrum cessans is-salarju percepit minn Doris May Mounfield fir-Renju Unit flok l-livell tal-paga medja hawn Malta. Il-Qorti ghal darb' ohra ma tistax taqbel ma' dawn il-kontestazzjonijiet tas-socjetà appellanti u dana billi huma ghal kollox guridikament zbaljati w addirittura*

[124] 20.02.2009

*jirrazentaw il-fieragh. F'materja ta' hlas ta' danni l-Artikolu 1045(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet taghmel minhabba l-hsara, it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali.*

*53. Andrea Torrente fil-ktieb Manuale Di Diritto Privato jghid illi il risacericmento, di solito, si opera 'per equivalente' vale a dire attribuendo alla vittima una somma di denaro commisurata alla entità del pregudizio cui si intende porre riparo24 . Fis-sentenza fl-ismijiet Elmo Insurance Agency Limited noe et v. Martin Saliba, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2001, oltre din ic-citazzjoni u ohrajn, gie citat ukoll dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet George Gatt v. Francis E. Carbone noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-7 ta' Lulju 1998: il-ligi gustament trid li lpersuna danneggjata, tigi rizarcita; cioè titpogga f'sitwazzjoni mhix aghar, kwantu ghal-'lucrum cessans' u 'damnum emergens' milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu. Fid-dawl ta' dawn il-principji guridici, ghalhekk, l-ewwel Qorti gustament applikat bhala base earnings il-valur tas-salarju percepit minn Doris May Mounfield gewwa r-Renju Unit u mhux ilpaga medja percepita minn impjegat hawn Malta. Iddannu li ghandu jithallas l-appellat nomine ghandu jirrispekkja it-telf attwali li garrbet Doris May Mounfield blincident li sehh fil-11 ta' Awissu 1987 u l-konsegwenti korriment taghha*

*54. Fl-ahhar nett is-socjetà appellanti tikkritika ssentenza pronuncjata mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Gunju 2006 ghaliex ma inghatax it-tnaqqis minhabba l-fatt li l-hlas sejjer isir f'daqqa. Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment jinghad illi r-ratio ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perjodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni 25 ghaliex kif inghad fis-sentenza Lawrence Caruana v. Anthony Falzon, deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-5 ta' Ottubru 2001 "...jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma kellux jimmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet id-danni."*

- **Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Dr. Louis Cassar Pullicino vs Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli**[125] u dan dwar il-prova neċessarja dwar il-qliegħ intqal:-

*28. Bi tħaddim ta' dan kollu għal dan il-każ, il-Qorti tqis li l-istqarrija b'affidavit tar-raġel tal-vittma hija biss kalkolu tad-danni, u bl-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni ma tista' titqies li hija l-aħjar prova li setgħet tinġieb tad-danni li seta' ġarrab* [126]*. Tassew, ma sar l-ebda tentattiv min-naħa tal-attur nomine sabiex minn tal-anqas jissostanza ċ-ċifri msemmija mir-raġel tal-vittma bi provi dokumentarji li setgħu faċilment jitressqu u li l-Qorti setgħet tiżen u forsi toqgħod fuqhom. Agħar minn hekk, l-appellant lanqas ma ressaq xi spjegazzjoni għalfejn huwa ma ressaqx dawk iddokumenti, biex forsi din il-Qorti kienet tkun tista' tgħaddi għal xi likwidazzjoni ekwitattiva tad-danni li, skont il-ġurisprudenza, hija riżervata għal dawk il-każijiet biss fejn kien impossibbli jew irraġonevolment diffiċli għall-vittma biex tressaq provi dwar id-danni mġarrba minnha*[127] *. Għalkemm ftit jista' jkun hemm dubju li l-mewt traġika tal-vittma ħalliet xi xorta ta' dannu fuq l-attur, dan fi żgur li ma setax jistenna li jneħħi minn fuq spallejh il-prova tal-kwantità ta' dawk id-danni u dan billi jappella għas-sens ta' ħniena jew id-dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma agħmel dak li huwa mistenni minnu bil-liġijiet tal-proċedura* [128] *. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, ir-raġel tal-vittma seta' faċilment jipprova d-danni li allega li ġarrab billi jressaq kopja tal-irċevuti tal-ħlasijiet li jgħid li huwa għadda lid-'day care centre' fejn allegatament bagħat lil ibnu sakemm dan beda jattendi l-livell primarju tal-edukazzjoni. Daqstant ieħor l-appellant proprio seta' faċilment ressaq provi dokumentarji dwar il-medja tad-dħul tal-vittma billi jressaq id-dokumenti tat-taxxa fuq id-dħul tal-vittma jew inkella l-'payslips' mill-iskola privata bl-isem ta' 'Interlingua', u dan għal dawk is-snin ta' wara li kienet ħarġet mill-isptar psikjatriku, biex jipprova kemm kienet il-medja tad-dħul tal-vittma fis-snin ta' qabel ma ħalliet din id-dinja. Billi l-vittma kienet ukoll mara tad-dar u x-xogħol tad-dar fih ukoll valur ekonomiku*[129] *, l-appellant proprio seta' wkoll faċilment iressaq prova dwar kemm kienet il-paga minima nazzjonali fl-Olanda fis-sena tal-mewt traġika ta' martu. Għar-raġunijiet li jaf hu biss, l-appellant proprio ma għamel xejn minn dan u għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-appellant ma seħħlux jipprova l-kwantità tad-danni bil-mod u sal-grad ta' kif inhu mitlub minnu mil-liġi tal-proċedura;"*

---

[125] Deċiża Qorti Appell 15/11/23 12/93/3AF

[126] Ara 'Miller Distributors Limited v. Malcom Zarb et.', deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-10 ta' Ottubru, 2019 (Ċit. Nru. 1011/01) (mhux appellata).

[127] Ara David Gatt v. Onor Prim. Ministru et. deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 2022 (App. 1262/10/1) §20.

[128] Ara 'Trevor Grech v. Lawrence Agius', deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 2023 (App. Ċiv. 1030/2013/1) §19.

[129] 47 Ara 'Linda Busuttil Cordina et. v. Dr. Josie Muscat u Tania Spiteri', deċiża minn din ilQorti fis-27 ta' Ġunju, 2014 (App. Ċiv. 2429/1998/1), kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda mressqa mill-atturi dwar dak li kien il-qliegħ tad-deċedut jirriżulta li hu fil-kont bankarju bħala student kellu ftit oltre €5000. Dan il-Qorti qed tippuntwalizżah għax jidher li dan il-ġuvnott kien ħabrieki biżżejjed biex mhux biss jistudja u jgawdi, kien sew dilettant tas-safar, imma wkoll kien jiżbriga biex ifaddal biex iwassal biex jiffinanzja anke l-vaganzi esteri tiegħu. Missieru jixhed li bħala student kellu minn żmien għal żmien tlett *part-time jobs*.

In sostenn tat-telf ta' qliegħ futur kif rajna missier id-deċedut jixhed li ibnu kellu l-idea li jispeċjalizża fil-kamp tal-*hospitality* dan wara li jkun spiċċa l-business school li kien jattendi kien se jkompli għal *Masters.*

Jispjega wkoll li meta tkun mort *business school* il-medja tal-qliegħ fis-sena kienet ta' €40,000. Spjega, li ibnu kellu żewġ opportunitajiet biex isib xogħol, jew bis-sistema ta' twinning ma' kumpanija jew billi jfittex wieħed għar-rasu. Wieġeb ukoll li s-somma ta' €40,000 salarju kienet waħda gross.

L-atturi għadew biex jesebixxu ċertifikati akkademiċi tal-mejjet ukoll sensiela tadokumenti li juru hekk[130]:

Dok. S.1 - kopja ta' statistika mill-INSE ossija l-Istitut Nazzjonali ta' l-Istatistika fi Franza, fejn hemm elenkat il-paga minima fi Franza mis-sena 2011 sas-sena 2016;

[130] Ara nota a fol 421

Dok S.2 - sommarju tal-possibilta’ ta’ impieg fil-kamp tal-ospitalita’ u pagi relatati maħruga mid-ditta Micheal Page;

Dok S.3 - rapport ieħor ta’ Micheal Page;

Dok. S.4 - rapport din id-darba maħruġ minn *Novacia Business School* f’Pariġi, il-kulleġġ li kien jattendi Quentin Michel li juru l-qliegħ prospettiv fil-qasam ta’ l-ospitalita’.

Oltre hekk fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jagħtu perspettiva dwar l-aspettativi tagħhom fir-rigward tal-likwidazzjoni li għandha ssir minn din il-Qorti rigward il-qliegħ futur mitluf.

Jissottomettu li r-rabtiet tad-deċedut ma’ Malta kienu limitati għal btala u żjara qasira, ta’ ftit siegħat ġewwa gżiritna. Li għalhekk in vista tal-prospettivi ekonomiċi li hu kien se jkun espost għalihom realment, per eżempju paga minima aktar għola fi Franza, il-kalkolu ta’ danni msejjħa *prejudice d’accompagnement,* ukoll *prejudice d’affection* permess mill-liġi franċiża, allura l-Qorti kellha fil-kalkolu tal-*lucrum cessans,* taddotta u tikkalkula d-danni sofferti f’kuntest usa minn dak li solitament huwa miżmum f’dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ġurisprudenza ħaddnet varjazzjonijiet ta’ kalkoli u konsiderazzjonijiet tal-metodoloġija stabbilita fid-deċiżjoni **Butler vs Heard**.

Tqies li fl-ewwel lok, kif inhu sew miżmum u trid il-liġi illi jinkombi biss u unikament fuq l-attur li jressaq il-provi tiegħu sal-grad mitlub, dan japplika wkoll għal kull prova li tmiss u tolqot il-qliegħ futur tad-deċedut. Tali prova ma ssirx fin-nota ta’ sottomissjonijiet u lanqas b’dokumenti mhux ikkonfermati bil-ġurament. Oltre dan, kif ingħad prova tal-liġi estraneja meqjusa bħala prova ta’

fatt trid tiġi hekk pruvata, *sic et simpliċitur* bil-ġurament ta' espert fil-kamp li bħal kull xhud fis-sistema tagħna hu suġġett għal iskrutinju u kontro-eżami.

Dan ma sarx.

Ingħad dan in tematika:

*"65. Ibda biex, is-sejbien ta' responsabbiltà għad-danni ma jfissirx li kull pretensjoni tad-danneġġat għandha tintlaqa' bħala fatt. Il-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas it-telf imġarrab mid-danneġġat u dan bħala riżultat ta' dak l-inċident jew ħsara lilu magħmula.*

*Madankollu l-attur jibqa' mgħobbi bl-obbligu li jressaq il-prova meħtieġa skont il-liġi, jiġifieri l-aħjar prova (ara Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet L-Avukat Dottor Johnathon Abela nomine v. Maria Spiteri)."* ( Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Emmauel Farrugia et. vs Mario Magri**, deċiża 20/06/24)"

Pero' in konsiderazzjoni tal-*lucrum cessans* li l-Qorti tqis li hu ċertament dovut, u bla ma tidħol fi spekulazzjonijiet kbar u żejda jista' jiġi paċifikament aċċettat li l-paġa minima fi Franża hija għola minn dik Maltija. Oltre hekk, għalkemm id-dokumenti li ppreżenta missier id-deċedut fil-konfront tal-qliegħ futur ta' ibnu ma humiex ikkonfermati bil-ġurament, tqies li sieħbu **Come Cafour** bil-ġurament tiegħu stqarr li annwalment hu kien jaqla' is-somma ta' €42,000 bħala *Portfolio Manager*. Tenut kont ta' l-eta' ġovanili simili ta' sħab id-deċedut li ddeponew, il-Qorti ma ssib ebda diffikolta' taċċetta li Michel Quentin kellu l-potenzjal li jimraħ u kien se jipperċepixxi almenu hekk. Mod ieħor ikun qed issir inġustizzja mal-ħajja stronkata ta' dan il-ġuvnott jekk jiġi attribwit lilu l-paga minima maltija solitament (u sfortunatament) attribwita' lill-mara tad-dar, stante li huwa ċar u

mistenni li tifel li kellu  Baċellrat u se jimxi għal Masters u bi pjanijiet fejn jikber kien mistenni jaqla' ħafna iżjed.

Dan il-multiplikand irid u jinħtieg li jiġi aġġustat għal għoli, illum kontinwu ġewwa l-Unjoni tal-ħajja, dan riżultat ta' ħafna infortuni internazzjonali ġia sew konoxxuti;  il-Qorti tqies li dan l-aġġustamemt għandu jkun ta' 20% allura jwassal għas-somma ta' €50,400 annwali, li jwassal ukoll għal hsieb ta' għoli tal-ħajja maħsub fid-deċiżjoni imsemmija *supra* **Trevor Grech vs Lawrence Agius**.

Il-diżabilta f'kaz  ta' mewt hija dejjem ta' 100%.

Il-*multiplier* li Qorti tħoss li hu ġust li tuża huwa dak ta' tlieta u tletin sena, anke tenut kont tal-fatt li s-sena li għaddiet l-eta' pensjonabbli fi Franza għoliet, fost kjass u protesti koroh, għal eta' ta' 64 sena b'rekwiżit ta' minimu 43 sena xogħol.[131] Dan jorbot ukoll ma' dak li qalet il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Ray u Isabelle Vella vs Anthony D'Anastasi**[132] fejn il-Qorti adottat skeda ġia riprodotta f'sentenza preċedenti u rabtet magħha fi kliemha għal fini ta' uniformita' u konsistenza in materja.

Tqis li għandu jsir tnaqqis ukoll *self consumption* u dan fl-ammont ta' 30%.

Ma taqbilx ma' tnaqqis minħabba *dependency* in vista tal-fatt li kif sew qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet  **Crocifissa Abela et vs Valletta Gate**

[131] Loi n2023-270
[132] Deċiża 15/11/2023 rikors 622/05/1TA

**way Terminal Ltd et.**[133] u ċioe' li: **"***, id-decuius kien dik il-persuna li taqla' l-għixien għall-familja, tal-inqas fil-każ ta' tnejn mill-atturi, li kellhom ċertament element qawwi ta' dipendenza fuq id-decuius. B'rabta ma' dak li ngħad fis-sentenza ċitata qabel (Sammut v. Clamus), ser isir tnaqqis ulterjuri ta' 25%."*, hawn kien id-decuius li kien għadu dipendenti fuq familtu.

Dwar il-*lump sum payment* il-Qorti tal-Appell riċentement kellha dan xi tgħid fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emanuel Farrugia u martu Margaret Farrugia v. Mario Magri**[134] illi:-

*'84. Għal dik li hija lump sum reduction, din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et deċiża mill-Qorti talAppell fis-6 ta' Ottubru, 2020, Camille Borg Canalis v. Joseph Borg mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u Emanuel Galea v. Pierre Scicluna maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007)*

.

*85. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan irrigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li ttnaqqis minħabba l-lump sum payment għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited deċiża millQorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl1 ta' Diċembru, 2021, Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).*

[133] Deċiża 30 ta' Novembru, 2022 rikors 95/2010/1SM
[134] Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024. Numru 1 Rikors numru 1018/2009/1FDP

*86. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et maqtugħa mill-Qorti talAppell fit-30 ta' Ġunju, 2021, Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Angelo Xuereb nomine et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u Lawrence Caruana v. Anthony Falzon maqtugħa mill-Qorti talAppell fil-5 ta' Ottubru, 2001)*

*87. Billi din il-kawża tressqet fis-sena 2009 u jiġi b'hekk li ilha aktar minn għaxar snin, din il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm ebda tnaqqis.'*

Il-Qorti kienet propensa li tqis li m'għandu jsir ebda tnaqqis in kwantu għal *lump sum payment* ġialadarba din il-kawża ilha tkaxkar tul taż-żmien konsiderevoli (9 snin) għar-ragunijiet ukoll ta' interventi u appelli da parti tal-konvenuti li ma wasslu mkien. Pero' tqis ukoll illi dan l-inċident okkorra fl-1 ta' Awwissu, 2011 u din il-kawża ġiet preżentata biss erba' snin nieqes xahar wara, allura tqis li għandu jsir tnaqqis ta' 2%.

**Allura €50,400x100%x33-30%-2%= €1,140,955.20 li għal konvenjenza qed tiġi arrotondata għas-somma ta' €1,140,955.00.**

**Konsegwentement taqta u tiddeċiedi billi:**

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Marlene Attard safejn kompatibbli ma' dak deċiż.**

**Tillibera wkoll lil Antoine Attard minn din ix-xilja għar-raġunijiet ġia premessi u kif deċiż.**

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha avvanzati da parti tal-konvenuti James Mifsud, Gordon Farrugia u BUZ-DOV Developements Ltd.**

**Tiddikjara illi James Mifsud, Gordon Farrugia u BUZ-DOV Developements Ltd. jaħtu solidalment bejniethom għall-mewt ta' Quentin Antoine Marie Michel [Nru. tal-Passaport Franċiż 08AK66169], illi miet fl-1 ta' Awwissu, 2011 f'Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, s-Swieqi;**

**Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' €1,140,955.00;**

**Tikkundanna lill-intimati James Mifsud, Gordon Farrugia u BUZ-DOV Developements Limited sabiex solidalment bejniethom iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' danni hekk likwidata;**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċċjali tad-9 ta' Lulju, 2013 u tat-28 ta' Mejju, 2015, u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf kontra l-intimati Mifsud, Farrugia, u kontra Buz-Dov Developments Limited; u l-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf kontra l-intimati konjuġi Attard; u bl-imgħaxijiet skont il-liġi kontra l-intimati kollha illi huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.**

**Żieda b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2024:**

**"Bl-ispejjez appena ndikati u dawk ta' din l-istanza wkoll b'imgħaxijiet skont il-liġi għad-debitu tal-intimati solidalment bejniethom."**

**Onor Miriam Hayman**

**Maraya Aquilina**
**Deputat Reġistratur**